

Sistemi ta' kontroll għaż-żejt taż-żebbuġa fi-UE

Qafas komprensiv, iżda applikat b'mod mhux uniformi



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

Paragrafu

01–17 | **Messaġġi prinċipali** 01

01–05 | **Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?**

06–17 | **X'sibna u x'nirrakkomandaw**

18–01 | **Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna** 02

18–49 | **L-Istati Membri ma japplikawx bis-sħiħ il-qafas legali għall-verifiki tal-konformità fuq iż-żejt taż-żebbuġa**

20–26 | Hemm qafas legali komprensiv għall-verifiki tal-konformità fuq iż-żejt taż-żebbuġa

27–40 | L-Istati Membri mhux dejjem jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha

41–46 | Il-biċċa l-kbira mill-każijiet ta' nuqqas ta' konformità misjuba mill-Istati Membri jiġu skoperti permezz ta' valutazzjoni organolettika, u huma marbuta mad-degradazzjoni

47–49 | Il-Kummissjoni għandha biss stampa parzjali tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri

50–66 | **Is-sistemi ta' kontroll tal-UE għall-kontaminanti taż-żejt taż-żebbuġa għandhom xi difetti**

52–57 | Jaħdmu sew is-sistemi ta' kontroll tal-UE għar-residwi tal-pestiċidi fiż-żejt taż-żebbuġa

58–64 | Is-sistemi ta' kontroll tal-UE għal kontaminanti oħra huma inqas żviluppatti minn dawk għall-pestiċidi

65–66 | Iż-żejt taż-żebbuġa importat minn pajjiżi mhux tal-UE ma jiġix iċċekkjat sistematikament għall-pestiċidi u għal kontaminanti oħra

67–84 | **Il-qafas legali tal-UE u l-verifiki tat-traċċabbiltà mhux dejjem jippermettu li l-orijini ta' prodott jtiġi identifikata**

69–74 | Il-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti legali għat-traċċabbiltà, iżda ma ddefinietx kif l-Istati Membri jenħtieġ li jiċċekkjawhom

- 75–80 | L-Istati Membri jinkludu t-traċċabbiltà fl-ambitu tal-verifiki tagħhom fuq iż-żejt taż-żebbuġa, iżda jvarja l-livell ta' verifikazzjoni tagħhom
- 81–84 | Ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' traċċabbiltà rigward l-istudju tal-każ: xi żjut taż-żebbuġa ma setgħux jiġu ttraċċati lura

Annessi

Annex I — Dwar l-awditu

Qafas ta' politika

Rwoli u responsabbiltajiet

Ambitu u approċċ tal-awditjar

Annex II — Farsa ġenerali lejn il-parametri rilevanti tal-kwalità u tal-purità għaż-żejt taż-żebbuġa ekstra verġni u l-metodi ta' analiżi

Annex III — Studju tal-każ

Annex IV — Sorsi potenzjali ta' kontaminazzjoni fiż-żejt taż-żebbuġa

Annex V — Kontaminanti li l-Istati Membri jinkludu fil-pjanijiet ta' kontroll tagħhom għall-kategorija "Xaħmijiet u żjut"

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Risposti tal-Kummissjoni

Kronoloġija


Tim tal-awditjar

Messaġġi prinċipali

Għalfejn huwa importanti dan il-qasam?

- 01** Iż-żejt taż-żebbuġa huwa prodott ewlieni għall-Unjoni Ewropea (UE), li hija l-akbar produttur, konsumatur u esportatur taż-żejt taż-żebbuġa fid-dinja. Il-**Figura 1** tipprovdi xi dettalji dwar il-produzzjoni u l-kummerċ mill-UE taż-żejt taż-żebbuġa. Ir-reputazzjoni tal-UE għaż-żejt taż-żebbuġa ta' kwalità għolja u ġenwin tagħha hija kruċjali mhux biss ekonomikament, iżda wkoll mill-perspettivi kulturali u tas-saħħa pubblika. Ħafna ċittadini tal-UE jinkorporaw iż-żejt taż-żebbuġa fid-dieta tagħhom ta' kuljum, għalhekk huwa essenzjali li jkunu jistgħu jafdaw fil-kwalità u l-awtentiċità tal-prodotti li jixtru. Dan huwa partikolarment importanti meta niġu għaż-żejt taż-żebbuġa ekstra verġni, li jiġi kkummerċjalizzat bi prezz ogħla minn żjut oħra, u għalhekk irid jissodisfa standards għoljin biex jiġġustifika prezzu lill-konsumaturi.

Figura 1 | Żejt taż-żebbuġa fl-UE



Sors: il-QEA, abbażi ta' data pprovduta mill-Kummissjoni Ewropea u l-World Population Review.

- 02** L-UE stabbiliet sistema ta' kontrolli biex tara li ż-żejt taż-żebbuġa li l-konsumaturi jistgħu jixtru fl-UE żgur ikun ġenwin (jiġifieri ma jkunx fih żjut oħra, u l-kwalità u l-purità tiegħu jikkorrispondu għall-kategorija fuq it-tikketta), li ma jipperikolax saħħet il-konsumaturi (b'mod aktar speċifiku, li ma fihx kontaminanti), u li l-oriġini tiegħu (kif imsemmi fuq it-tikketta) tkun tista' tiġi vverifikata (ara l-[Figura 2](#)).

Figura 2 | Sistemi ta' kontroll tal-UE għaż-żejt taż-żebbuġa



Sors: il-QEA.

- 03** Il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") hija responsabbli biex tistabbilixxi l-qafas regolatorju, u l-Istati Membri huma responsabbli biex jaraw li żgur iż-żejt taż-żebbuġa jissodisfa kemm ir-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ikel kif ukoll ir-rekwiżiti tal-UE għat-tqegħid taż-żejt taż-żebbuġa fis-suq (imsejħa wkoll "standards tal-kummerċjalizzazzjoni" — ara l-[Anness I](#), il-paragrafu [05](#)). Hija r-responsabbiltà tal-Istati Membri li jistabbilixxu sistema ta' kontroll nazzjonali u jwettqu verifiki bbażati fuq ir-riskju. L-Istati Membri jeħtiġilhom ikollhom ukoll sistema ta' sanzjonijiet għan-nuqqas ta' konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa u mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari. Is-sistema ta' sanzjonar trid tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva.
- 04** Wettaqna dan l-awditu fid-dawl tal-importanza li s-settur taż-żejt taż-żebbuġa għandu għall-UE (ara l-paragrafu [01](#)). B'dan l-awditu nistennew kemm li ngħinu biex jittejjeb il-qafas ta' kontroll għall-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni u r-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari relatati maż-żejt taż-żebbuġa, kif ukoll li ngħinu lill-Istati Membri jimplementawh.

05 L-objettiv ta' dan l-awditu kien li jivvaluta jekk is-sistemi ta' kontroll tal-UE humiex mfassla b'tali mod li jaraw li ż-żejt taż-żebbuġa mibjugħ fl-UE ikun ġenwin, sikur u traċċabbli żgur. Ivalutajna l-fasla tal-qafas ta' kontroll kif meħtieġ mil-leġiżlazzjoni tal-UE, kif ukoll l-implimentazzjoni tiegħu f'erba' Stati Membri mill-2018 'il hawn: il-Belġju, il-Greċja, Spanja u l-Italja. B'mod aktar preċiż, ivalutajna jekk dawn l'erba' Stati Membri jwettqux il-verifiki tal-konformità meħtieġa (verifiki biex jikkonfermaw li ż-żejt taż-żebbuġa jikkonforma mal-istandards tal-kategorija tiegħu u mal-karatteristiċi korrispondenti), il-verifiki għall-preżenza ta' kontaminanti, u l-verifiki tat-traċċabbiltà biex jikkonfermaw l-orijini taż-żejt. Għal aktar informazzjoni ġenerali u dettalji dwar l-ambitu u l-approċċ tal-awditjar, ara l-*Anness I*, il-paragrafi **09** sa **11**.

X'sibna u x'nirrakkomandaw

- 06** Sibna li hemm qafas legali komprensiv tal-UE għall-verifiki tal-konformità fuq iż-żejt taż-żebbuġa, iżda l-Istati Membri ma japplikawhx bis-sħiħ. Madankollu, il-verifiki tal-konformità identifikaw każijiet ta' nuqqas ta' konformità. Sibna wkoll li l-Istati Membri jsibu ftit li xejn każijiet fejn il-livelli ta' kontaminanti fiż-żejt taż-żebbuġa jkunu jaqbz u l-limiti legali. Madankollu, hemm xi difetti fis-sistemi ta' kontroll, prinċipalment fir-rigward ta' kontaminanti li mhumiex pestiċidi. L-awditu li wettaqna wera wkoll li l-verifiki tat-traċċabbiltà mhux dejjem jippermettu li l-orijini ta' prodott tiġi identifikata.
- 07** Iż-żejt taż-żebbuġa huwa regolat bil-kbir, u hemm **sett komprensiv ta' regoli tal-UE** li jiddefinixxu kif l-Istati Membri jenħtieġ li jiċċekkjaw jekk żejt taż-żebbuġa huwiex tal-kategorija ddikjarata tiegħu. Dan jinvolvi t-twettiq ta' analiżi fiżikokimika f'laboratorju u valutazzjoni organolettika min-naħa tal-bord tad-dewwieqa. Jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu għadd minimu ta' verifiki fis-sena u jipplanaw il-verifiki tagħhom abbażi ta' analiżi tar-riskju. Jenħtieġ li lill-Kummissjoni jikkomunikawha r-risultati tal-verifiki mwettqa minnhom u li jkollhom sistema ta' sanzjonijiet u penali li tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva (il-paragrafi **20** - **24**).
- 08** Madankollu, **mhux dejjem ikun hemm konformità mar-regoli tal-UE**. Xi wħud mill-Istati Membri li żorna ma jwettqux l-għadd minimu ta' verifiki, jew iwettqu analiżijiet tal-laboratorju inkompleti jew jeskludu partijiet mis-suq meta jwettqu l-analiżijiet tar-riskju tagħhom. Madankollu, l-Istati Membri li żorna jikkomplementaw il-verifiki tal-konformità meħtieġa mill-UE ma' tipi oħra ta' verifiki. Meta jinstabu każijiet ta' nuqqas ta' konformità, is-sanzjonijiet u l-penali mhux dejjem ikunu effettivi jew dissważivi (il-paragrafi **27** - **40**).
- 09** Il-Kummissjoni għandha **stampa parzjali biss** ta' kif jaħdmu s-sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri. Ir-rapporti annwali u l-laqgħat mal-awtoritajiet tal-Istati Membri ma jiggerantux l-iskambju tal-informazzjoni rilevanti kollha (il-paragrafi **47** - **49**).



Rakkomandazzjoni 1

Tissaħħaħ is-sorveljanza mill-Kummissjoni tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri għaż-żejt taż-żebbuġa

Jenħtiegħ li l-Kummissjoni ssaħħaħ is-sorveljanza li hija tagħmel tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri billi:

- (a) tħegġegħ lill-Istati Membri jipprovdu informazzjoni xierqa dwar l-analizzjiet tar-riskju tagħhom, il-verifiki mwettqa (kemm verifiki tal-konformità kif ukoll spezzjonijiet oħra), u s-sanzjonijiet u l-penali li huma japplikaw;
- (b) tivvaluta s-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri, inkluż dwar jekk il-verifiki tal-konformità jikkonformawx mar-rekwiżiti tal-UE;
- (c) tieħu azzjoni xierqa u proporzjonali meta s-sistemi ta' kontroll jitqiesu insuffiċjenti.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: (a) u (b) l-2027, u (c) l-2028

- 10** Ir-rekwiżiti legali għaż-żejt taż-żebbuġa mhumiex ċari biżżejjed dwar oqsma importanti, bħall-kundizzjonijiet għat-taħlit ta' żjut minn snin differenti tal-ħsad, jew jekk huwiex permess it-taħlit ta' żejt taż-żebbuġa ekstra verġni ma' żejt taż-żebbuġa verġni biex jinbiegħ bħala żejt extra verġni. Sibna li l-Istati Membri għandhom approċċi differenti, u dawn l-għażliet jaf jinfluwenzaw id-degradazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa maż-żmien (il-paragrafi [25](#) - [26](#)).



Rakkomandazzjoni 2

Jiġu ċċarati r-regoli għat-taħlit ta' żjut taż-żebbuġa verġni differenti

Jenħtiegħ li l-Kummissjoni tiċċara r-regoli dwar it-taħlit ta' żjut taż-żebbuġa verġni minn snin ta' ħsad differenti jew minn kategoriji differenti.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2026

- 11** Ir-riżultati tal-verifiki tal-konformità juru li l-biċċa l-kbira mill-każijiet ta' nuqqas ta' konformità misjuba mill-Istati Membri jinqabdu permezz ta' valutazzjoni organolettika u huma marbuta mad-degradazzjoni taż-żejt maż-żmien. Dati twal iżżejjed ta' "uża qabel" u ċerti prattiki ta' produzzjoni jaf jikkontribwixxu għal din is-sitwazzjoni (il-paragrafi [41](#) - [46](#)).

- 12** Fir-rigward tas-sikurezza alimentari, iż-żejt taż-żebbuġa jiġi ċċekkjat għal tipi differenti ta' kontaminanti. Hemm qafas legali ċar tal-UE biex wieħed jiċċekkja hemmx **pestiċidi** fiż-żejt taż-żebbuġa, u hemm għadd minimu ta' kampjuni li jridu jiġu analizzati kull 3 snin. L-Istati Membri jwettqu verifiki abbażi ta' analiżijiet tar-riskju u jsibu biss ftit każijiet ta' nuqqas ta' konformità (il-paragrafi **52 - 57**).
- 13** Għall-**kontaminanti li mhumiex pestiċidi**, hemm inqas rekwiżiti. L-UE ddefiniet il-livelli massimi ta' residwi (li japplikaw għaż-żjut u x-xaħmijiet veġetali) għal xi kontaminanti, iżda mhux għal oħrajn. Barra minn hekk, ma hemm l-ebda għadd minimu ta' verifiki meħtieġa fil-livell tal-UE. L-Istati Membri jiddeċiedu liema kontaminanti għandhom jiċċekkjaw humiex hemm. L-Istati Membri li żorna mhux dejjem jiddokumentaw l-analiżijiet tar-riskju tagħhom u lanqas ma jiġġustifikaw l-għażliet tagħhom. Il-Kummissjoni ilha mill-2023 tivvaluta l-pjanijiet ta' kontroll tal-Istati Membri għall-ikel li ma joriġinax mill-annimali (inkluż iż-żejt taż-żebbuġa) (il-paragrafi **58 - 64**).
- 14** Għalkemm l-UE **timporta** l-ekwivalenti ta' madwar 9 % tal-produzzjoni tagħha ta' żejt taż-żebbuġa, il-verifiki għall-pestiċidi u kontaminanti oħra fiż-żejt taż-żebbuġa importat minn pajjiżi mhux tal-UE jew ma jeżistux jew inkella huma limitati ħafna fl-Istati Membri miżjura (il-paragrafi **65 - 66**).



Rakkomandazzjoni 3

Tittejjeb il-gwida dwar verifiki ta' jekk hemmx kontaminanti fiż-żejt taż-żebbuġa

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tagħti struzzjonijiet lill-Istati Membri biex dawn jipprovdu dettalji dwar l-analiżijiet tar-riskju li huma jwettqu, dwar liema kontaminanti qed jiċċekkjaw fiż-żejt taż-żebbuġa, u l-frekwenza ta' dawn il-verifiki;
- (b) titlob mingħand l-Istati Membri li dawn, fl-analiżijiet tar-riskju tagħhom, iqisu b'mod espliċitu ż-żejt taż-żebbuġa importat.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2026

- 15** It-**traċċabbiltà** bażika (“pass lura, pass ’ il quddiem”) hija rekwiżit ġenerali għat-tipi kollha ta’ ikel li jitqiegħed fis-suq tal-UE. Barra minn hekk, fil-qafas tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa extra verġni u ż-żejt taż-żebbuġa verġni, iż-żona ġeografika fejn inħasad iż-żebbuġ u fejn tinsab il-miżna jenħtieġ li tkun identifikabbli. Madankollu, ma hemm **l-ebda regola jew gwida komprensiva tal-UE** dwar kif u meta jenħtieġ li l-aspetti tat-traċċabbiltà jiġu ċċekkjati (il-paragrafi **69 - 74**).



Rakkomandazzjoni 4

Tiġi ċċarata u pprovduta gwida dwar ir-rekwiżiti tal-verifika tat-traċċabbiltà

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiċċara u tipprovidi gwida dwar:

- (a) dak li l-verifiki tat-traċċabbiltà jenħtieġ li jkopru;
- (b) kif ir-risultati tal-verifiki tat-traċċabbiltà jenħtieġ li jiġu rrapportati.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2027

- 16** L-Istati Membri ġeneralment **jiċċekkjaw** l-aspetti tat-**traċċabbiltà** kemm matul il-verifiki tas-sikurezza alimentari kif ukoll matul il-verifiki tal-konformità, iżda **sa livelli differenti**. L-Istati Membri bħal Spanja u l-Italja jivverifikaw l-orijini fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista. Għandhom reġistri elettroniċi biex jirreġistraw kull moviment ta’ żebbuġ jew żejt taż-żebbuġa. Dawn ir-reġistri għandhom l-għan li tiżdied it-trasparenza u jitnaqqas ir-riskju ta’ frodi (il-paragrafi **75 - 80**).
- 17** Għal **kampjun ta’ 24 żejt taż-żebbuġa extra verġni jew verġni**, aħna ċċekkjajna jekk stajniex nikkonfermaw l-orijini fuq it-tikketta. Sibna li dan ma kienx possibbli għal erbat iżjut taż-żebbuġa li jew kienu joriġinaw minn aktar minn Stat Membru wieħed, jew inkella kienu ta’ orijini mħallta mill-UE u mhux mill-UE. L-eżerċizzju wera wkoll kemm huwa diffiċli biex jiġi ttraċċat iż-żejt taż-żebbuġa lil hinn mill-fruntieri nazzjonali minħabba li l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri mhux dejjem tkun effettiva (il-paragrafi **81 - 84**).



Rakkomandazzjoni 5

Tittejjeb it-traċċabbiltà taż-żejt taż-żebbuġa

Jenħtieġ li l-Kummissjoni:

- (a) tħeġġeġ u tappoġġa lill-Istati Membri biex dawn jiżviluppaw reġistri ħalli jinżammu rekords tal-movimenti taż-żebbuġ u taż-żejt taż-żebbuġa;
- (b) tħeġġeġ u tappoġġa lill-Istati Membri biex dawn itejbu l-kompatibbiltà tas-sistemi differenti ta' traċċabbiltà ħalli tiffaċilita t-traċċabbiltà taż-żebbuġ u taż-żejt taż-żebbuġa minn naħa għal oħra tal-fruntiera.

Data mmirata għall-implimentazzjoni: 2028

02

Ħarsa aktar mill-qrib lejn l-osservazzjonijiet tagħna

L-Istati Membri ma japplikawx bis-sħiħ il-qafas legali għall-verifiki tal-konformità fuq iż-żejt taż- żebbuġa

- 18** Iż-żejt taż-żebbuġa huwa rregolat bil-kbir. Huwa suġġett għal leġiżlazzjoni speċifika tal-UE¹ li tiddefinixxi l-kategoriji differenti taż-żejt taż-żebbuġa u l-karatteristiċi tagħhom, u li timponi rekwiżiti preċiżi għat-tqegħid taż-żejt taż-żebbuġa fis-suq. Dawn ir-regoli għandhom l-għan li jggarantixxu l-kwalità tal-prodotti u li jiġġieldu l-frodi. Barra minn hekk, għandhom ukoll l-għan li jiffaċilitaw il-kummerċ u li jggarantixxu kundizzjonijiet ekwi għall-produtturi tal-UE. L-Istati Membri huma responsabbli biex jistabbilixxu sistema ta' kontroll nazzjonali u biex iwettqu verifiki ħalli jikkonfermaw li ż-żejt taż-żebbuġa jikkonforma ma' dawn ir-rekwiżiti (minn hawn 'il quddiem imsejġha "verifiki tal-konformità").

¹ Ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli; ir-Regolament (UE) 2022/2104 fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa; ir-Regolament (UE) 2022/2105 li jistabbilixxi regoli dwar il-kontrolli tal-konformità tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa u metodi ta' analiżi tal-karatteristiċi taż-żejt taż-żebbuġa.

19 Ivalutajna jekk:

- hemmx qafas legali ċar biex jiġi ċċekkjat jekk iż-żejt taż-żebbuġa jikkonformax mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tiegħu;
- l-Istati Membri jistabbilux u japplikawx:
 - sistema ta' kontroll biex jitwettaq l-għadd minimu ta' verifiki tal-konformità fuq iż-żejt taż-żebbuġa filwaqt li tittieħed inkunsiderazzjoni l-analiżi tar-riskju;
 - sistema ta' sanzjonijiet u penali effettivi, proporzjonati u dissważivi għan-nuqqas ta' konformità fir-rigward tal-konformità taż-żejt taż-żebbuġa;
- il-verifiki tal-konformità humiex effettivi biex jidentifikaw każijiet ta' nuqqas ta' konformità u dak li qed jikkaġunahom;
- il-Kummissjoni tissorveljax is-sistemi ta' kontroll li l-Istati Membri jużaw biex iwettqu l-verifiki tal-konformità, u tipprovdux appoġġ lill-Istati Membri.

Hemm qafas legali komprensiv għall-verifiki tal-konformità fuq iż-żejt taż-żebbuġa


20 Ir-regoli tal-UE jirrikjedu li l-Istati Membri jwettqu **għadd minimu ta' verifiki tal-konformità** li jkun proporzjonat mal-volum taż-żejt taż-żebbuġa kkummerċjalizzat f'pajjiżhom².

Jenħtieġ li l-Istati Membri jwettqu verifika waħda għal kull 1 000 tunnellata żejt taż-żebbuġa. Il-Kummissjoni tikkalkula dawn iċ-ċifri kull sena abbażi tad-*data* dwar il-kummerċ uffiċjali (intra-UE u barra l-UE) u dwar il-konsum taż-żejt taż-żebbuġa u taż-żejt mir-residwi taż-żebbuġ ipprovduta mill-Istati Membri, abbażi tal-medja tal-aħħar 5 snin.

21 Jenħtieġ li l-verifiki tal-konformità fuq iż-żejt taż-żebbuġa jitwettqu skont regoli ddefiniti sew. Verifika tal-konformità tinvolvi verifikazzjoni li (i) it-tikkettar ikun konformi mar-rekwiżiti legali u li (ii) il-kategorija taż-żejt taqbel mal-kategorija ddikjarata. Verifika tat-tikkettar tkun kompleta wara li jiġu ċċekkjati ħames elementi speċifiċi (ara l-[Figura 3](#)).

² L-Artikolu 3(2) tar-Regolament (UE) 2022/2105.

Figura 3 | Elementi li għandhom jiġu ċċekkjati waqt verifika tal-konformità



Sors: il-QEA, abbażi tar-Regolament (UE) 2022/2105.

22 Ir-regoli jirrikjedu li l-kategorija tiġi ċċekkjata permezz tal-**analiżi fiżikokimika** taż-żejt taż-żebbuġa f'laboratorju rikonoxxut u **valutazzjoni organolettika** minn bord ta' dewwieqa rikonoxxut (ara l-**Figura 3** u l-**Kaxxa 1**). Għaż-żejt taż-żebbuġa extra verġni, hemm 15-il parametru li jridu jiġu ttestjati (ara l-**Anness II**). Il-leġiżlazzjoni tippermetti lill-Istati Membri jiċċekkjaw il-konformità ma' dawn il-parametri jew fi kwalunkwe ordni (jenħtieġ li lkoll jiġu ttestjati xorta waħda) jew billi jsegwu l-ordni ddefinita fir-**Regolament (UE) 2022/2105** sakemm wieħed mit-testijiet juri li ż-żejt ma jaqbilx mal-kategorija ddikjarata. Verifika tal-kategorija titqies kompleta meta l-karatteristiċi kollha jkunu ġew ittestjati jew meta jinstab li ż-żejt ma jkollux waħda mill-karatteristiċi mistennija.

Kaxxa 1

Bord ta' valutazzjoni organolettika u bord tad-dewwieqa



© Yistocking, stock.adobe.com

Il-valutazzjoni organolettika ilha parti mill-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żjut taż-żebbuġa verġni mill-1991. Hija rregolata bis-sħiħ permezz ta' protokollu u standards li jiddefinixxu l-kompożizzjoni tal-bord tad-dewwieqa (inklużi t-taħriġ u ċ-ċertifikazzjoni tal-membri tal-bord), it-tħejjija tal-kampjun (eż. nuċċalijiet imlewna standardizzati u temperatura ta' 28 °C) u l-kriterji ta' valutazzjoni (punteġġ ta' attributi pożittivi (bħat-togħma ta' frott, l-imrar, u t-togħma punġenti) u attributi negattivi (bħas-snuħija, il-moffa, u t-tnawwir).

Bħalissa ż-żejt taż-żebbuġa huwa l-uniku oġġett tal-ikel fl-UE li għalih il-valutazzjoni organolettika hija espliċitament meħtieġa u stipulata fil-leġiżlazzjoni.

- 23** Jenħtieġ li l-Istati Membri jipplanaw il-verifiki tal-konformità tagħhom abbażi ta' **analiżi tar-riskju**³. Huma jistgħu jqisu firxa ta' fatturi differenti, bħal: karatteristiċi tal-prodott (eż. kategorija, perjodu tal-produzzjoni, operazzjonijiet tal-ippakkjar, ħżin, pajjiż tal-orġini/tad-destinazzjoni, mezzi tat-trasport), sejbiet ta' verifiki preċedenti, ilmenti tal-konsumaturi, jew il-karatteristiċi tal-operaturi. Kull Stat Membru jista' jiddeċiedi liema fatturi għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni u f'liema stadju tal-katina tal-produzzjoni u tat-tqassim jenħtieġ li jsiru l-kontrolli.
- 24** L-Istati Membri huma meħtieġa jippreżentaw **rapport annwali** lill-Kummissjoni li fih jagħtu dettalji dwar ir-riżultati tal-verifiki tal-konformità mwettqa fis-sena preċedenti, bl-użu tal-mudell ta' rappurtar ipprovdut mill-Kummissjoni. Meħtieġa wkoll li jkollhom **sistema ta' sanzjonijiet u penali** li tkun effettiva, proporzjonata u dissważiva, applikabbli kull meta jinstab nuqqas ta' konformità mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni. Il-leġiżlazzjoni tal-UE ma tiddefinix liema fatturi għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni meta tiġi vvalutata l-gravità tan-nuqqas ta' konformità, jew meta tiġi determinata s-severità tas-sanzjonijiet.

³ L-Artikolu 3 tar-Regolament (UE) 2022/2105.

25 Ir-Regolament (UE) 2022/2104 iħalli b'mod espliċitu **għad-diskrezzjoni tal-Istati Membri diversi deċiżjonijiet li jstabbilixxu l-istandards**. Dawn jinkludu: l-istabiliment ta' regoli dwar it-taħlit ta' żejt taż-żebuga ma' żjut veġetali oħra; l-istabiliment ta' rekwiżiti ta' tikkettar rigward l-indikazzjoni tas-sena tal-ħsad (ara l-**Kaxxa 2**); u li jiġu permessi daqsijiet tal-imballaġġ li jaqbu l-limiti stabbiliti mir-Regolament għal stabbilimenti ta' provvista tal-ikel kollettiva. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jstabbilixxu wkoll rekwiżiti nazzjonali speċifiċi (eż. dwar it-traċċabbiltà), li jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ mill-UE.

Kaxxa 2

Indikazzjoni obligatorja tas-sena tal-ħsad fl-Italja

Fl-Italja, hija prattika komuni li l-faċilitajiet tal-ibbottiljar jstabbilixxu d-data "uża qabel" f'data li taħbat minn 12 sa 18-il xahar wara l-ibbottiljar, minflok wara t-tiġi, li jaf tiżgwi lill-konsumaturi. Biex dan tirrimedjah, fl-2016 l-Italja introduċiet ir-rekwiżit li tiġi indikata s-sena tal-ħsad fuq it-tikketta meta 100 % taż-żejt jiġi mill-istess ħsad (għaż-żejt taż-żebuga extra vergini u ż-żejt taż-żebuga vergini ta' orġini Taljana u mibjugħ fl-Italja).

26 Fl-UE, ir-rekwiżiti legali għaż-żejt taż-żebuga huma komprensivi u jinkludu valutazzjonijiet organolettiċi obligatorji. Madankollu, identifikajna elementi li jaf jinfluwenzaw id-degradazzjoni taż-żejt taż-żebuga maż-żmien u li l-Istati Membri għandhom approċċi differenti għalihom (ara l-**Kaxxa 3**). Dawn huma:

- taħlit ta' żjut minn snin tal-ħsad differenti — ir-regoli tal-UE ma jipprojbixxux it-taħlit ta' żjut minn snin tal-ħsad differenti, u l-operaturi jistgħu jiddeċiedu dwar id-data "uża qabel";
- nuqqas ta' kjarifika jew gwida mingħand il-Kummissjoni dwar jekk huwiex permess it-taħlit ta' żejt taż-żebuga extra vergini ma' żejt taż-żebuga vergini biex jinbiegħ bħala żejt taż-żebuga extra vergini — il-qafas legali attwali mhuwiex ċar biżżejjed billi l-Istati Membri xi drabi interpretaw ir-regoli tal-UE b'modi differenti.

Kaxxa 3

Approċċi differenti fl-Istati Membri

Fil-Greċja, l-operaturi jitħallew iħalltu ż-żejt taż-żebbuġa minn żewġ staġuni tal-ħsad differenti u jużaw id-data tal-istaġun l-aktar reċenti bħala d-data “uża qabel”. Ma hemm l-ebda gwida għall-ispetturi dwar kif għandhom jiċċekkjaw il-mod kif l-operaturi jistabbilixxu d-data “uża qabel”.


Skont l-awtoritajiet Taljani, hija permessa l-kummerċjalizzazzjoni ta’ taħlita ta’ żejt taż-żebbuġa extra verġni ma’ żejt taż-żebbuġa verġni biex jinbiegħ bħala żejt taż-żebbuġa ekstra verġni. Din ikkonfermatha [sentenza mill-Qorti tal-Ewwel Istanza ta’ Perugia tal-2023](#), fin-nuqqas ta’ projbizzjoni uffiċjali fuq it-taħlit ta’ kategoriji.

L-Istati Membri mhux dejjem jikkonformaw mar-rekwiżiti kollha

Ma ntlaħaqx l-għadd minimu ta’ verifiki tal-konformità, iżda l-Istati Membri jwettqu verifiki oħra wkoll

- 27** L-Istati Membri jeħtiġilhom iwettqu għadd minimu ta’ verifiki fuq iż-żejt taż-żebbuġa kull sena (ara l-paragrafu **20**). Eżaminajna r-rapporti annwali li l-Istati Membri li żorna bagħtu lill-Kummissjoni, biex nivvalutaw jekk issodisfawx dan ir-rekwiżit.
- 28** Sibna li l-Istati Membri mhux dejjem iwettqu l-għadd minimu meħtieġ ta’ verifiki (ara [l-Figura 4](#)). L-awtoritajiet Taljani laħqu l-għadd minimu ta’ verifiki tal-kategorija (ħlief fl-2020 u fl-2021, matul il-pandemija tal-COVID-19) u wettqu ħafna aktar verifiki tat-tikkettar milli meħtieġ. Mill-2020 ’il hawn, l-awtoritajiet Spanjoli wettqu ferm inqas verifiki tal-kategorija milli meħtieġ, u l-awtoritajiet Griegi wettqu sistematikament inqas verifiki milli meħtieġ (ħlief fl-2023). Il-Belġju wettaq l-għadd meħtieġ ta’ verifiki.

Figura 4 | Verifiki tal-konformità mwettqa fil-perjodu 2018–2023




Sors: il-QEA, abbażi tad-data li l-Istati Membri kkomunikaw lill-Kummissjoni.

- 29** L-awtoritajiet tal-Istati Membri infurmawna li kellhom problemi biex iwettqu l-għadd meħtieġ ta' verifiki fl-2020 u fl-2021 (COVID-19). Batew ukoll biex jorganizzaw bordijiet tad-dewwieqa. Barra minn hekk, l-awtoritajiet Spanjoli ġabu l-argument li l-għadd minimu ta' verifiki jmissu jitnaqqas minħabba ħsad ħażin fil-perjodi 2022/23 u 2023/24, u li sehem ewlieni tal-produzzjoni nazzjonali jista' jiġi kopert biżżejjed billi jiġu spezzjonati biss ftit operaturi kbar. Fir-rapporti tagħhom, l-awtoritajiet Griegi semmew nuqqas kontinwu ta' persunal u ta' finanzjament, flimkien ma' sfidi proċedurali fl-akkwist ta' servizzi tal-laboratorji.
- 30** Għalkemm mhux dejjem jikkonformaw mar-rekwiżit tal-leġiżlazzjoni tal-UE rigward l-għadd minimu ta' verifiki, huwa importanti li ninnutaw li l-Istati Membri li żorna jwettqu tipi oħra ta' verifiki li jikkomplementaw il-verifiki tal-konformità meħtieġa mill-UE. Pereżempju, l-awtoritajiet Spanjoli jwettqu kampanji ta' kontroll speċjali u jivverifikaw it-tikkettar u l-parametri kimiċi fuq ħafna kunsinni għall-esportazzjoni. Il-forzi tal-pulizija Taljani jwettqu ħafna spezzjonijiet fuq il-post u ħafna verifiki speċifiċi. L-awtoritajiet Griegi jiċċekkjaw il-bejjiegħa bl-imnut żgħar u dawk ta' daqs medju kif ukoll l-operaturi tal-catering biex jaqdbu l-frodi.

L-analiżijiet tal-laboratorji mhux dejjem ikunu kompleti

- 31** Biex verifika tal-konformità titqies kompleta, iridu jiġu analizzati 15-il parametru. Iċċekkja jna liema analiżijiet jitwettqu fl-Istati Membri li żorna. Billi l-ebda wieħed mill-Istat Membri ma għażel li jwettaq l-analiżijiet skont l-ordni ddefinita fir-[Regolament \(UE\) 2022/2105](#) (ara l-paragrafu [22](#)), kien imisshom analizzaw sistematikament il-15-il parametru kollha.
- 32** Sibna li l-awtoritajiet Spanjoli biss kienu analizzaw il-parametri kollha, minkejja li l-Istati Membri kollha li żorna kienu semmew, fir-rapporti tagħhom lill-Kummissjoni, li kienu wettqu verifiki tal-kategorija sħaħ (ara l-[Figura 4](#)). L-awtoritajiet tat-tliet Stati Membri l-oħra li żorna kienu wettqu verifiki inkompleti, minħabba li ma kinux koprew il-parametri obbligatorji kollha (ara l-[Figura 5](#)).

Figura 5 | Il-livell sa fejn l-Istati Membri li żorna wettqu analiżijiet tal-laboratorju għall-15-il parametru



Sors: il-QEA, abbażi ta' protokollu/kuntratti ma' laboratorji, riżultati ta' analiżijiet tal-laboratorji, u linji gwida mingħand l-awtoritajiet tal-Istati Membri.

- 33** Analiżijiet tal-laboratorju inkompleti jaf iwasslu biex il-frodi u ċerti prodotti mhux konformi ma jgħux identifikati. Pereżempju, valuri għoljin ta' ċerti parametri jistgħu jindikaw il-preżenza ta' żejt mir-residwi taż-żebug, żjut barranin, jew żejt li jkun ġie pproċessat kimikament (ara l-[Anness II](#)).

Tnejn mill-Istati Membri li żorna jeskludu mill-verifiki xi partijiet mis-suq, mingħajr analiżi tar-riskju

- 34** L-Istati Membri jeħtiġilhom isegwu r-rekwiżiti stipulati fil-leġiżlazzjoni tal-UE rigward l-għadd ta' verifiki fuq iż-żejt taż-żebuga, iżda ma hemm l-ebda obbligu li l-kontrolli jitqassmu matul l-istadji differenti tal-katina tal-produzzjoni u tat-tqassim (ara l-paragrafu [23](#)).
- 35** L-erba' Stati Membri li żorna jwettqu analiżi tar-riskju meta jippjanaw il-verifiki tal-konformità tagħhom, iżda sa livelli differenti. Filwaqt li l-awtoritajiet Spanjoli u Taljani żviluppaw bis-sħiħ analiżijiet tar-riskju li jieħdu l-kriterji rilevanti inkunsiderazzjoni (ara l-[Kaxxa 4](#)), l-analiżijiet tar-riskju fil-Greċja u fil-Belġju huma pjuttost ġenerali u jħallu barra kriterji potenzjalment rilevanti (bħall-volum u l-valur taż-żjut taż-żebuga differenti li jgħu kkummerċjalizzati).

Kaxxa 4

Eżempji ta' kif l-Italja twettaq verifiki bbażati fuq ir-riskju

Fl-2021, l-awtoritajiet Taljani ħolqu grupp fokali dwar is-settur taż-żejt taż-żebbuġa, appoġġat mill-Istitut Taljan għas-servizzi tas-suq agroalimentari, fejn jiddiskutu fatturi ta' riskju u problemi kritiċi fuq bażi annwali, filwaqt li jieħdu inkunsiderazzjoni l-aħħar sitwazzjoni ekonomika tas-settur.

Minbarra l-korp ta' kontroll iddedikat li jeżisti għas-settur agroalimentari u minbarra l-aġenzija doganali, tliet korpi tal-infurzar tal-liġi b'setgħat investigattivi (*Carabinieri*, *Guardia di Finanza* u *Corpo delle Capitanerie di Porto*) iwettqu verifiki fuq iż-żejt taż-żebbuġa.

Fl-Italja, ħafna spetturi jirċievu taħriġ dwar il-valutazzjoni organolettika u huma membri ta' bordijiet tad-dewwieqa uffiċjali. B'hekk ikunu jistgħu jimmiraw aħjar iż-żjut taż-żebbuġa (aktar riskjużi) meta jieħdu kampjuni matul l-ispezzjonijiet.

- 36** Barra minn hekk, tnejn mill-Istati Membri li żorna jeskludu ċerti partijiet tal-katina tal-produzzjoni u tat-tqassim mill-verifiki tal-konformità tagħhom mingħajr ma jkunu qisuhom fl-analiżi tar-riskju. Pereżempju, l-awtoritajiet Belġjani ma jwettqux verifiki fuq il-bejgħ online, jew fil-bini tal-importaturi fuq iż-żejt taż-żebbuġa importat minn pajjiżi mhux tal-UE. Lanqas ma jwettqu spezzjonijiet biex jiċċekkjaw li l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni qed jiġu osservati fl-istadju tal-ibbottiljar. L-awtoritajiet Griegi jwettqu biss verifiki tal-konformità fuq iż-żejt taż-żebbuġa li jiġi prodott fil-Greċja u destinat għas-suq Grieg, u b'hekk jeskludu mill-verifiki tagħhom iż-żejt taż-żebbuġa importat u dak esportat.
- 37** L-awtoritajiet Taljani u Spanjoli jwettqu verifiki tul il-katina tal-provvista kollha (l-industrija, il-bejgħ bl-imnut, kif ukoll l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet), inkluż il-bejgħ online, u jkopru ż-żjut taż-żebbuġa li jkollhom oriġinijiet differenti. Fl-Italja, l-awtoritajiet jagħtu prijorità lill-prevenzjoni tal-frodi alimentari fuq il-pjattaformi tal-kummerċ elettroniku.

Is-sistemi ta' sanzjonijiet u penali mhux dejjem ikunu effettivi u dissważivi

- 38** L-Istati Membri jeħtiġilhom japplikaw penali effettivi, proporzjonati u dissważivi meta l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni ma jiġux rispettati⁴. F'każijiet ta' frodi, jenħtieġ li s-sanzjonijiet jirriflettu l-vantaġġ ekonomiku għall-operatur jew perċentwal tal-fatturat tiegħu⁵. Kull Stat Membru jista' jiddeċiedi liema fatturi għandu jieħu inkunsiderazzjoni meta tiġi vvalutata l-gravità tan-nuqqas ta' konformità, u meta tiġi determinata s-severità tas-sanzjonijiet (ara l-paragrafu 24).
- 39** Fl-erba' Stati Membri li żorna, is-sistemi ta' sanzjonijiet jinkorporaw elementi ta' proporzjonalità: il-multi jiddependu mit-tip ta' ksur, id-daqs tal-kumpanija u jekk huwiex ksur ripetut.
- 40** Madankollu, abbażi tal-analiżi li wettaqna ta' għadd limitat ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità, sibna dgħufijiet rigward id-dissważività u l-effettività tas-sanzjonijiet.
- Dissważività: fil-Greċja, il-multi ma jeħdux inkunsiderazzjoni l-gwadann finanzjarju mill-bejgħ ta' żejt taż-żebbuġa ta' kategorija aktar baxxa bil-prezz ta' żejt taż-żebbuġa ekstra verġni. Fl-Italja u fi Spanja (Andalusija), identifikajna prattika tajba — is-sanzjonijiet jiddependu mill-kwantitajiet tal-prodotti kkonċernati, u mill-qligħ miksub mill-attività illeċita.
 - Effettività: fl-Italja, is-sanzjonijiet jiġu deċiżi relattivament malajr, fi żmien 1.2 xahar. Madankollu, fil-Belġju, fi Spanja u fil-Greċja, il-proċeduri jieħdu aktar żmien (4 xhur, 5 xhur, u 14-il xahar, rispettivament). Dan idewwem l-irtirar fil-pront tal-prodotti mis-suq.


⁴ L-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) 2022/2105.

⁵ L-Artikolu 139 tar-Regolament (UE) 2017/625.

Il-biċċa l-kbira mill-każijiet ta' nuqqas ta' konformità misjuba mill-Istati Membri jiġu skoperti permezz ta' valutazzjoni organolettika, u huma marbuta mad-degradazzjoni

41 Il-verifiki tal-konformità bbażati fuq ir-riskju mwettqa mill-Istati Membri jwasslu biex jinqabad għadd kbir ta' każijiet ta' nuqqas ta' konformità fiż-żjut taż-żebbuġa li jieħdu kampjun minnhom. Il-**Figura 6** tippreżenta s-sehem ta' verifiki fl-UE li jaqbdun n-nuqqas ta' konformità ta' tikketta jew ta' kategorija. Fil-perjodu 2018–2023, 14 % tal-verifiki qabdu n-nuqqas ta' konformità ta' tikketta, u 32 % qabdu n-nuqqas ta' konformità ta' kategorija. Abbażi tal-preżentazzjonijiet li l-Kummissjoni tagħmel kull sena dwar ir-riżultati tal-verifiki tal-konformità fil-Grupp ta' Ħidma tal-awtoritajiet tal-verifiki tal-konformità tal-Grupp ta' Esperti għas-Swieq Agrikoli — is-sottogrupp Għelejjel li Jistgħu Jintużaw u ż-Żejt taż-Żebbuġa (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-“Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa”), Stati Membri mhux produtturi jirrapportaw sistematikament ishma oġġla ta' nuqqas ta' konformità tal-kampjuni, kemm fir-rigward tat-tikkettar kif ukoll fir-rigward tal-kategorija.

Figura 6 | Sehem ta' verifiki li jaqbdun nuqqas ta' konformità rigward it-tikkettar jew il-kategorija (%)



Sors: il-QEA, abbażi tad-data pprovduta mill-Kummissjoni.

- 42** FI-UE kollha kemm hi, ir-riżultati ta' 93 % tal-analizzjiet fiżikokimiċi juru konformità mar-rekwiżiti, meta mqabbla ma' 68 % biss tal-valutazzjonijiet organolettiċi. Valutazzjoni organolettika għandha l-istess valur legali daqs analiżi fiżikokimika, iżda tibqa' suġġettiva minħabba l-kumplessità inerenti tal-perċezzjoni sensorjali. Għet stabbilita sistema ta' kontrovalutazzjonijiet biex issolvi każijiet kontroversjali. Għaldaqstant, operatur jista' jitlob żewġ valutazzjonijiet addizzjonali mwettqa minn bordijiet tad-dewwieqa oħra.
- 43** Analiżi aktar fil-fond tar-raġunijiet għall-każijiet ta' nuqqas ta' konformità rigward il-kategorija żvelat li madwar terz tal-każijiet setgħu jiġu attribwiti b'mod ċar għad-degradazzjoni taż-żejt. Dan seta' jiġi dedott mill-analiżi fiżikokimika u mill-valutazzjoni organolettika. Għall-bqija tal-każijiet ta' nuqqas ta' konformità, ma kienx possibbli li jiġi identifikat kaġun speċifiku.
- 44** Rati ta' nuqqas ta' konformità għoljin ġejjin ukoll mill-fatt li l-Istati Membri jimmiraw lejn prodotti aktar riskjużi fil-verifiki taġġhom (ara l-paragrafu **35**), billi hemm ċans akbar li jinstabu każijiet ta' nuqqas ta' konformità. B'konsegwenza ta' dan, ir-riżultati tal-verifiki tal-konformità ma jirrappreżentawx il-kwalità ġenerali taż-żejt taż-żebbuġa fis-suq tal-UE u ma jirriflettux is-sehem ġenerali tan-nuqqas ta' konformità taż-żejt taż-żebbuġa li jiġi prodott u kkummerċjalizzat fl-UE⁶.
- 45** Matul dan l-awditu, wettaqna studju tal-każ. Fl-Istati Membri li żorna, xtrajna 28 żejt taż-żebbuġa differenti fi ħwienet tal-bejgħ bl-imnut u bgħattniehom ħalli jiġu ttestjati — minn laboratorju u bordijiet tad-dewwieqa — biex il-karatteristiċi taġġhom jiġu determinati (ara l-*Anness III*). L-għażla li għamilna tal-prodotti ma kinitx ibbażata fuq analiżi tar-riskju. Il-*Kaxxa 5* tippreżenta r-riżultati, li juru sejbiet tipiċi tal-verifiki tal-konformità.

⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, "Olive oil quality checks – in the European Union 2024 results".

Kaxxa 5

Riżultati tal-istudju tal-każ

Il-biċċa l-kbira miż-żjut mixtrija kienu konformi mar-rekwiżiti tal-UE għall-kategorija fuq it-tikketta, tnejn le.


- L-analiżi ta' żejt taż-żebbuġa ekstra verġni wieħed żvelat valur li kien għoli wisq għal parametru wieħed. Skont l-interpretazzjoni tal-laboratorju, dan il-valur, flimkien mar-riżultati tal-valutazzjoni organolettika (linja ta' demarkazzjoni bejn extra verġni u verġni), kien jindika li ż-żejt kien ossidizzat, potenzjalment minħabba kundizzjonijiet ħżiena ta' ħżin, u jenħtiegħ li jitqies bħala żejt taż-żebbuġa verġni lampante. Dan huwa eżempju ta' degradazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa maż-żmien, x'aktarx minħabba esponiment għad-dawl jew għas-sħana matul it-trasport jew il-ħżin.
- Għal żejt taż-żebbuġa ekstra verġni ieħor, il-livell totali ta' steroli kien taħt il-limitu. Dan għandu mnejn jiġri lil ċerti żjut taż-żebbuġa ekstra verġni magħmula minn varjetà waħdanija ta' żebbuġ (Koroneiki, Nocellara del Belice). Il-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ irrikonoxxa din il-problema u ppropona li jiġi aġġustat il-limitu totali tal-isteroli sakemm isiru aktar studji xjentifiċi. Dan il-każ juri kemm jista' jkun diffiċli li jiġu ddefiniti sollijiet ta' parametri kimiċi sempliċi li jkunu applikabbli għal żjut taż-żebbuġa ta' varjetajiet differenti ta' żebbuġ u ta' oriġinijiet ġeografiċi differenti.

46 Ir-riżultati tal-verifiki mwettqa mill-Istati Membri u l-istudju tal-każ li għamilna juru li d-degradazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa maż-żmien hija problema komuni. Għalkemm l-istruzzjonijiet dwar il-ħżin huma indikati fuq it-tikketta, ħafna operatori tul il-katina tat-tqassim, kif ukoll konsumaturi, għandhom mnejn ma jkunux konxji mis-sensittività taż-żejt taż-żebbuġa għas-sħana u d-dawl. Barra minn hekk, meta żejt ikun diġà qrib is-soll tal-kategorija tiegħu fil-mument tal-ibbottiljar u tiġi assenjata data "uża qabel" twila wisq, tiddied il-probabbiltà li l-kwalità tiegħu tiddeterjora qabel ma jiġi kkunsmat.

Il-Kummissjoni għandha biss stampa parzjali tas-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri

- 47** Il-Kummissjoni tistabbilixxi l-qafas regolatorju għall-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni. Hija timmonitorja l-applikazzjoni tiegħu u l-implimentazzjoni tal-verifiki tal-konformità li jitwettqu mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni għandha diversi mezzi biex tibqa' infurmata dwar x'jiġri fl-Istati Membri:
- fir-rapporti tagħhom l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkomunikaw ir-risultati tal-verifiki tal-konformità tagħhom kull sena, bl-użu tal-mudell tar-rappurtar ipprovdut mill-Kummissjoni;
 - il-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa, li huwa korp konsultattiv magħmul minn rappreżentanti mill-awtoritajiet tal-Istati Membri tal-UE, jorganizza laqgħat ta' kull sena dwar l-esperjenza tagħhom bis-sistema ta' kontroll;
 - fl-2018, grupp ta' konsulenti wettaq [studju](#) dwar l-implimentazzjoni tal-verifiki tal-konformità fis-settur taż-żejt taż-żebbuġa fl-UE kollha għall-Kummissjoni.
- 48** Sibna li l-Kummissjoni għandha biss stampa ġenerali parzjali tal-funzjonament tas-sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri. Pereżempju, il-Kummissjoni ma kinitx konxja li t-testijiet tal-laboratorju huma inkompleti f'ċerti Stati Membri jew li ċerti Stati Membri jeskludu partijiet mis-suq mill-verifiki tal-konformità tagħhom. Il-Kummissjoni hija biss parzjalment konxja ta' kif jaħdmu s-sistemi ta' sanzjonijiet fl-Istati Membri u kif is-sanzjonijiet jiġu applikati fil-prattika: ir-rapporti annwali tal-Istati Membri spiss ikunu inkompleti u l-laqgħat ta' kull sena jipprovdu biss informazzjoni *ad hoc* dwar xi ftit Stati Membri.
- 49** Ir-rapporti u l-laqgħat annwali ma jipprovdux stampa sħiħa tas-sistemi ta' kontroll fl-Istati Membri. L-Istati Membri mhumiex meħtieġa jikkomunikaw lill-Kummissjoni l-analizzijiet tar-riskju li jkunu wettqu, il-pjanijiet ta' kontroll tagħhom, il-parametri analizzati fil-laboratorju jew ir-risultati ta' verifiki parzjali jew addizzjonali mwettqa. Madankollu, il-Kummissjoni hija konxja li, bejn l-2018 u l-2023, is-soll minimu ta' verifiki tal-kategorija sħaħ ntlaħaq biss fl-2018 u fl-2019 (ara l-[Figura 7](#)). Dan ġie diskuss bilateralment mal-Istati Membri.

Figura 7 | Verifiki tal-konformità mwettqa fil-livell tal-UE (2018–2023)



Sors: il-QEA, abbażi tal-informazzjoni pprovduta mill-Kummissjoni.

Is-sistemi ta' kontroll tal-UE għall-kontaminanti taż-żejt taż-żebuga għandhom xi difetti

- 50** Iż-żejt taż-żebuga, bħala prodott tal-ikel, huwa suġġett għar-[regoli tal-UE dwar is-sikurezza alimentari](#). Dawn jikkonċernaw, fost affarijiet oħra, rekwiżiti tal-iġjene u livelli massimi aċċettabbli ta' kontaminanti fl-ikel. Kemm iż-żejt taż-żebuga li jiġi prodott fl-UE kif ukoll iż-żejt taż-żebuga importat lejn l-UE huma rregolati minn dawn ir-regoli. Il-qafas tal-UE jirrikjedi li l-Istati Membri jaraw li dawn ir-regoli żgur jiġu segwiti billi jwettqu verifiki fuq l-operaturi u fuq l-ikel.
- 51** Ivalutajna jekk huwiex ċar il-qafas legali tal-UE għall-verifika tal-pestiċidi u ta' kontaminanti oħra fiż-żejt taż-żebuga u jekk is-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri jaħdmux tajjeb u jekk jinkludux iż-żejt taż-żebuga importat.

Jaħdmu sew is-sistemi ta' kontroll tal-UE għar-residwi tal-pestiċidi fiż-żejt taż-żebbuġa


L-UE għandha qafas legali ċar għar-residwi tal-pestiċidi

- 52** It-traċċi li l-kontaminanti jħallu fiż-żebbuġ jew fiż-żejt taż-żebbuġa jissejġu "residwi". L-UE ddefinjiet il-**livelli massimi ta' residwi (MRLs)** għall-pestiċidi fl-ikel. Dawn huma s-sollijiet legali massimi.
- 53** L-UE stabbiliet ukoll **programm pluriennali ta' kontroll ikkoordinat mill-UE** dwar ir-residwi tal-pestiċidi fl-ikel. L-għan tiegħu huwa li jggarantixxi l-konformità mal-MRLs tal-pestiċidi u li jivvaluta l-esponiment tal-konsumaturi għar-residwi tal-pestiċidi. Il-programm jinkludi ż-żejt taż-żebbuġa kull 3 snin, u s-snin l-aktar reċenti huma l-2018, l-2021 u l-2024. F'dawk is-snin, kull Stat Membru kellu janalizza għadd minimu ta' kampjuni taż-żejt taż-żebbuġa biex jiċċekkja jekk ir-residwi tal-pestiċidi kinux preżenti.
- 54** Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jstabilixxu **programmi nazzjonali pluriennali għall-kontroll tar-residwi tal-pestiċidi**. Jenħtieġ li l-programmi ta' kontroll ikunu bbażati fuq ir-riskju u mmirati lejn il-valutazzjoni tal-esponiment tal-konsumatur u l-konformità mal-MRLs tal-pestiċidi. Jenħtieġ li l-Istati Membri jispeċifikaw xi prodotti għandhom jieħdu kampjuni minnhom, l-għadd ta' kampjuni li għandhom jittieħdu, liema pestiċidi għandhom janalizzaw, u l-kriterji użati għat-tfassil tal-programm.

Il-verifiki huma bbażati fuq ir-riskju u kważi qatt ma jsibu konċentrazzjonijiet għoljin ta' pestiċidi fiż-żejt taż-żebbuġa

- 55** L-Istati Membri li żorna għandhom programmi ta' kontroll għall-pestiċidi li permezz tagħhom għadd ta' kampjuni taż-żejt taż-żebbuġa jiġu analizzati kull sena b'fokus fuq ir-residwi tal-pestiċidi. Minbarra dak li huwa meħtieġ mill-programm pluriennali ta' kontroll ikkoordinat mill-UE, jippjanaw l-analiżi ta' kampjuni addizzjonali (ara l-**Figura 8**). Tlieta mill-Istati Membri jwettqu analiżijiet tar-riskju biex jiddeterminaw l-għadd annwali ta' kampjuni u t-tqassim tagħhom minn reġjun għal ieħor u minn operatur għal ieħor. Dawn l-Istati Membri jinkludu ż-żejt taż-żebbuġa fl-analiżijiet tar-riskju għal kategoriji tal-ikel usa' (jiġifieri "Żjut veġetali" fil-Belġju, "Xaħmijiet u żjut u emulsjonijiet oħra" fil-Greċja u fi Spanja) u ma għandhomx valutazzjoni tar-riskju speċifika għaż-żejt taż-żebbuġa. L-Italja ma twettaqx analiżi tar-riskju għall-kategorija "Xaħmijiet u żjut" u lanqas speċifikament għaż-żejt taż-żebbuġa, peress li l-għadd annwali ta' kampjuni huwa stabbilit **bil-liġi** u ma jiġix aġġornat abbażi ta' analiżi tar-riskju.

Figura 8 | Verifiki għar-residwi tal-pestiċidi fiż-żejt taż-żebuga — meħtieġa, ippjanati, u mwettqa (2018–2023)



Nota għall-Italja: iċ-ċifri potenzjalment jinkludu verifiki fuq iż-żebug għaż-żejt taż-żebuga (produzzjoni primarja).

Nota għall-Greċja: iċ-ċifri jinkludu verifiki fuq iż-żebug għaż-żejt taż-żebuga (produzzjoni primarja).

Nota għall-Belġju: mhux ir-riżultati kollha tat-testijiet ġew ikkomunikati lill-Kummissjoni.

Sors: il-QEA, abbażi tad-data pprovduta mill-Istati Membri.

- 56** Matul il-perjodu 2018–2023, l-Istati Membri li żorna fil-biċċa l-kbira wettqu l-verifiki meħtieġa għall-pestiċidi fiż-żejt taż-żebbuġa. Fil-biċċa l-kbira mis-snin, huma wettqu l-verifiki kif kien ippjanat (ara l-[Figura 8](#)). In-nuqqasijiet fir-riżorsi umani u f'dawk finanzjarji kif ukoll l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 jaf jispjegaw għalfejn l-għadd ta' verifiki mwettqa kien aktar baxx f'ċerti snin.
- 57** Ir-riżultati tal-verifiki fl-Istati Membri juru li, bejn l-2018 u l-2023, ftit kampjuni biss kellhom residwi tal-pestiċidi oġġa mill-MRL: wieħed fl-Italja fl-2023 u disgħa fil-Greċja. Dan ikkonfermawh ir-rapporti tal-UE tal-[2019](#) u tal-[2022](#) dwar ir-residwi tal-pestiċidi fl-ikel, ippubblikati mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA). B'mod ġenerali, l-analiżijiet taż-żejt taż-żebbuġa juru b'mod konsistenti livelli baxxi ħafna ta' residwi tal-pestiċidi.

Is-sistemi ta' kontroll tal-UE għal kontaminanti oħra huma inqas żviluppatti minn dawk għall-pestiċidi

Il-qafas legali tal-UE qed jittejjeb gradwalment

- 58** Sustanzi oħra li mhumiex pestiċidi jistgħu wkoll jikkontaminaw iż-żejt taż-żebbuġa. Dawn jistgħu jkunu sustanzi kimiċi tossiċi li jitħalltu maż-żejt matul l-ipproċessar (pereżempju matul il-ħsad, it-tiħiq, ir-raffinar u, għal ċerti żjut, it-trasport jew l-imballaġġ) jew ikunu preżenti fl-ambjent (bħad-diossini) (ara l-[Anness IV](#)). Iż-żejt taż-żebbuġa huwa suxxettibbli wkoll għal adulterazzjoni u frodi, li jistgħu jikkawunaw riskji għas-saħħa (eż. il-preżenza ta' residwi tas-solvent fiż-żejt mir-residwi taż-żebbuġ mibjugħ bħala żejt taż-żebbuġa ekstra verġni).
- 59** Għal xi wħud minn dawn il-kontaminanti, l-UE ddefiniet il-livelli massimi⁷ li japplikaw għaż-żjut u x-xaħmijiet veġetali, inkluż iż-żejt taż-żebbuġa. Għal oħrajn, bħall-idrokarburi taż-żjut minerali (MOHs) u l-plastifikanti, bħalissa ma hemm l-ebda livell massimu tal-UE għall-ikel. Fir-rigward tal-plastifikanti, hemm [limiti ta' migrazzjoni speċifika għal ċerti plastifikanti f'materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, iżda mhux direttament fl-ikel innifsu](#) (ara l-[Kaxxa 6](#)).

⁷ Ir-[Regolament \(UE\) 2023/915](#) dwar il-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-ikel; ir-[Regolament \(KE\) Nru 1881/2006](#) li jiffissa livelli massimi ta' ċerti kontaminanti fl-oġġetti tal-ikel (mhux fis-seħħ mill-24.5.2023 'il hawn).

Kaxxa 6

Idrokarburi taż-żjut minerali u plastifikanti

MOHs jinkludu firxa wiesgħa ta' komposti kimiċi miksuba miż-żejt mhux raffinat u huma kkategorizzati f'żewġ gruppi prinċipali: idrokarburi saturati taż-żjut minerali (MOSHs) u idrokarburi aromatiċi taż-żjut minerali (MOAHs). Jistgħu jidhru fl-ikel permezz ta' ħafna modi: kontaminazzjoni ambjentali, lubrikanti għall-makkinarju, għajnuniet għall-ipproċessar, addittivi tal-ikel jew tal-għalf, jew meta jgħaddu minn materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel. Minħabba n-natura lipofilika taż-żejt taż-żebbuġa (jiġifieri l-kapaċità tiegħu li jikkombina max-xaħam jew jinħall fih), dan tal-aħħar ikun aktar suxxettibbli li jakkumula MOHs jekk isseħħ kontaminazzjoni.

Fl-2017, il-Kummissjoni rakkomandat lill-Istati Membri biex jimmonitorjaw l-MOHs. Wara l-aġġornament tal-valutazzjoni tar-riskju mill-EFSA fl-2023, u r-riskji tas-saħħa kkonfermati b'rabta mal-MOAHs, il-Kummissjoni ppreżentat l-ewwel abbozz ta' Regolament fi tmiem l-2023 biex tistabbilixxi livelli massimi għall-MOAHs. L-EFSA kkonkludiet li l-esponiment mid-dieta għall-MOSHs mhuwiex ta' tħassib għall-ebda grupp ta' età.

Il-plastifikanti jinżdiedu ma' materjal biex jagħmluh aktar artab u aktar flessibbli. Hemm mnejn jgħaddu għal ġol-ikel meta materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel (eż. kontenituri magħmulin minn ċertu plastik) jiġu f'kuntatt mal-ikel. Il-plastifikanti ġeneralment jinħallu fix-xaħam, u għalhekk hemm riskju li jgħaddu mill-imballaġġ għal ġol-ikel xaħmi bħaż-żejt. Hekk kif jiżdiedu l-ħin ta' kuntatt u t-temperatura, hekk jiżdied ukoll ir-riskju li jgħaddu għal ġol-ikel.

Il-limiti ta' migrazzjoni imposti mill-UE għal ċerti plastifikanti f'materjali li jiġu f'kuntatt mal-ikel, huma maħsuba biex jikkontrollaw kemm sustanza tista' temigra mill-imballaġġ jew mit-tagħmir tal-ipproċessar għal ġol-ikel.

60 Minn Diċembru 2022, l-Istati Membri stabbilew il-pjanijiet ta' kontroll tagħhom stess biex jimmonitorjaw il-konċentrazzjoni ta' kontaminanti fl-ikel li mhumiex pestiċidi⁸. Sa dak iż-żmien, il-programmi ta' kontroll ikkoordinati fil-livell tal-UE kienu koprew biss ċerti kontaminanti fl-ikel li joriġina mill-annimali. Mis-sena ta' rapportar 2023 'il quddiem, fil-pjanijiet tagħhom, l-Istati Membri jeħtiġilhom jinkludu wkoll ikel li ma joriġinax mill-annimali⁹. Jenħtieġ li l-pjan ta' kontroll jistipula:

- (a) kombinazzjonijiet ġustifikati ta' kontaminanti/gruppi ta' kontaminanti/u gruppi ta' prodotti li jridu jiġu kkontrollati (ivverifikati),
- (b) strateġija ta' teħid tal-kampjuni, u
- (c) il-frekwenza tal-kontrolli.

61 Fl-2022, il-Kummissjoni ħolqot mudell għall-Istati Membri biex ifasslu l-pjanijiet ta' kontroll tagħhom għall-kontaminanti u żviluppaw ukoll [dokument ta' gwida għall-Istati Membri](#). Madankollu, il-pjanijiet ta' kontroll tal-2023, l-2024 u l-2025 li l-Belġju, il-Greċja u l-Italja bagħtu lill-Kummissjoni ma speċifikawx liema kontaminanti jkunu jiġu vverifikati għal liema gruppi ta' prodotti. Barra minn hekk, fl-2023, il-Kummissjoni bdiet tivvaluta l-pjanijiet ta' kontroll li l-Istati Membri jużaw hemmx kontaminanti, inkluż ikel li ma joriġinax mill-annimali. Ma għandna l-ebda evidenza li l-Kummissjoni insistiet li l-Istati Membri jinkludu informazzjoni jew ġustifikazzjonijiet aktar dettaljati.

L-Istati Membri inkludew iż-żejt taż-żebbuġa fil-pjanijiet ta' kontroll tagħhom, iżda mhux iċ-ċekkjat u għalfejn

62 L-Istati Membri li żorna għandhom il-pjanijiet ta' kontroll tagħhom stess għall-kontaminanti li mhumiex pestiċidi għall-kategorija usa' tal-ikel "Xaħmijiet u żjut", li tinkludi iż-żejt taż-żebbuġa. Ma hemmx l-ebda pjan speċifiku għaż-żejt taż-żebbuġa, u l-għadd ta' kampjuni u l-għażla tal-kontaminanti jiddependu mir-riskji li jiġu identifikati għall-kategorija usa'. L-erba' Stati Membri li żorna jagħmlu għażliet differenti rigward liema kontaminanti għandhom jiċċekkjaw fix-xaħmijiet u ż-jut (inkluż iż-żejt taż-żebbuġa) (ara l-[Anness V](#)) u meta. Dawn ma jiċċekkjawx hemmx ċerti kontaminanti, bħal MOHs u plastifikanti, minħabba li ma hemmx livelli massimi tal-UE għal dawn is-sustanzi fl-ikel.

⁸ Ir-Regolament (UE) 2017/625 dwar il-kontrolli uffiċjali (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali).

⁹ Ir-Regolament (UE) 2022/932 dwar arranġamenti prattiċi għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fir-rigward ta' kontaminanti fl-ikel; ir-Regolament (UE) 2022/931 li jistabbilixxi regoli għat-twettiq ta' kontrolli uffiċjali fir-rigward tal-kontaminanti fl-ikel.

- 63** L-Istati Membri jsegwu approċċi differenti u mhux dejjem jiddokumentaw l-analiżijiet tar-riskju tagħhom u lanqas ma jiġġustifikaw l-għażliet tagħhom. Il-pjanijiet ta' kontroll Taljani għall-kontaminanti ma jinkludux analiżi tar-riskju xierqa li tiġġustifika l-kontaminanti li għandhom jiġu ċċekkjati fil-kategorija "Xaħmijiet u żjut". Il-Greċja tinkludi speċifikament iż-żejt taż-żebbuġa fil-pjanijiet ta' kontroll tagħha, iżda mhux analiżi tar-riskju dokumentata. Fi Spanja u fil-Belġju, il-verifiki fuq il-kontaminanti fiż-żejt taż-żebbuġa huma bbażati fuq analiżijiet tar-riskju mwettqa kull sena għal kull kontaminant, abbażi ta' parametri u *data* rilevanti. Iż-żejt taż-żebbuġa normalment ikun parti mill-kategorija taż-żejt veġetali u xi drabi jkun immirat speċifikament.
- 64** Ir-riżultati tal-verifiki tal-Istati Membri juru li huwa baxx ħafna l-għadd ta' kampjuni b'konċentrazzjonijiet ta' kontaminanti (li mhumiex pestiċidi) ogħla mis-soll legali. Mill-2018 sal-2023, kien hemm kampjun wieħed fi Spanja, wieħed fl-Italja u tnejn fil-Belġju. L-Istati Membri ma għandhomx għalfejn jiġbru *data* dwar il-preżenza ta' kontaminanti li għalihom ma jkun ġie stabbilit l-ebda livell massimu.

Iż-żejt taż-żebbuġa importat minn pajjiżi mhux tal-UE ma jiġix iċċekkjat sistematikament għall-pestiċidi u għal kontaminanti oħra

- 65** L-UE timporta l-ekwivalenti ta' madwar 9 % tal-produzzjoni tagħha ta' żejt taż-żebbuġa (ara l-*Annex I*, il-paragrafu **03**). Madankollu, l-ebda wieħed mill-Istati Membri li żorna ma jqis b' mod espliċitu iż-żejt taż-żebbuġa importat minn pajjiżi mhux tal-UE fl-analiżijiet tar-riskju tiegħu għall-pestiċidi u għal kontaminanti oħra. Spanja ilha biss mill-2023 twettaq valutazzjonijiet tar-riskju għal prodotti importati permezz ta' postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera. Barra minn hekk, ma għandha l-ebda valutazzjoni tar-riskju speċifika jew pjan ta' kontroll speċifiku għall-importazzjonijiet taż-żejt taż-żebbuġa. Fl-Italja, il-pjan ta' kontroll fuq l-importazzjonijiet ma jqisx il-fatturi ta' riskju rilevanti (bħall-kategoriji ta' prodotti importati u l-oriġini tagħhom). Il-Belġju ma jippjana l-ebda verifika fuq iż-żejt taż-żebbuġa fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera, u l-Greċja introduciethom biss fl-2024.
- 66** Il-verifiki fuq iż-żejt taż-żebbuġa li jiġi importat minn pajjiżi mhux tal-UE fir-rigward tal-pestiċidi u ta' kontaminanti oħra jew ma jeżistux jew inkella huma limitati ħafna fl-Istati Membri miżjura. L-Italja ma żammitx mal-pjan tagħha li tiegħu kampjun ta' kunsinna waħda ta' żejt taż-żebbuġa fis-sena f'kull post ta' kontroll fuq il-fruntiera: fl-2023 u l-2024, ma ġiet iċċekkjata l-ebda kunsinna fil-punti ta' dħul prinċipali għaż-żejt taż-żebbuġa. L-importazzjonijiet taż-żejt taż-żebbuġa lejn Spanja ma jiġux ittestjati sistematikament għall-kontaminanti. Bejn l-2018 u l-2023, ġew analizzati biss 3 kampjuni għar-residwi tal-pestiċidi, u 50 għal kontaminanti oħra.

Il-qafas legali tal-UE u l-verifiki tat-traċċabbiltà mhux dejjem jippermettu li l-orìgini ta' prodott jtiġi identifikata

67 It-traċċabbiltà tirreferi għall-kapaċità li prodott jiġi ttraċċat fl-istadji kollha ta' produzzjoni, ipproċessar u tqassim. Permezz tagħha, il-konsumaturi jkunu jafu fejn u kif iż-żebbuġ inħasad u għe pproċessat. It-traċċabbiltà hija essenzjali wkoll biex l-awtentiċità taż-żejt taż-żebbuġa tiġi ċċekkjata. Barra minn hekk, it-traċċabbiltà hija essenzjali meta sseħħ kontaminazzjoni u jkun hemm ħtieġa li tiġi garantita l-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari.

68 Ivalutajna jekk:

- hemmx qafas u rekwiżiti legali ċari għat-traċċabbiltà u jekk il-Kummissjoni tipprovdi appoġġ għall-implimentazzjoni tagħhom;
- l-Istati Membri jiċċekkjawx l-aspetti tat-traċċabbiltà kemm matul il-verifiki tas-sikurezza alimentari kif ukoll matul il-verifiki tal-konformità;
- għal kampjun ta' 24 żejt taż-żebbuġa differenti, il-post tal-orìgini fuq it-tikketta jikkorrispondix għaż-żona ġeografika fejn inħasad iż-żebbuġ u fejn tinsab il-mitħna.

Il-Kummissjoni tistabbilixxi rekwiżiti legali għat-traċċabbiltà, iżda ma ddefiniex kif l-Istati Membri jenħtieġ li jiċċekkjawhom

69 It-traċċabbiltà taż-żejt taż-żebbuġa hija regolata:

- [bir-Regolament dwar il-Liġi Ġenerali dwar l-Ikel](#), li jirrikjedi li n-negożji tal-ikel u tal-għalf ikunu jistgħu jidentifikaw mill-inqas il-fornitur immedjat tal-merkanzija tagħhom ("pass lura"), kif ukoll ir-riċevituri jew il-klijenti sussegwenti immedjati li jkunu wasslulhom il-merkanzija ("pass 'il quddiem") — dan ir-rekwiżit ma japplikax barra mit-territorju tal-UE;
- b'regoli tal-UE dwar l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa li jirrikjedu speċifikament l-indikazzjoni tal-post tal-orìgini, kif ukoll iż-żamma ta' rekords li jagħtu prova tal-orìgini u informazzjoni oħra fuq it-tikketta¹⁰.

¹⁰ L-Artikolu 5 tar-[Regolament \(UE\) 2022/2105](#), u l-Artikoli 8 u 11 tar-[Regolament \(UE\) 2022/2104](#).

- 70** Skont l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni taż-żejt taż-żebbuġa, it-tikketta taż-żejt taż-żebbuġa ekstra verġni u dik taż-żejt taż-żebbuġa verġni jridu jiddikjaraw il-post tal-oriġini. Għaż-żjut taż-żebbuġa ta' oriġini mill-UE, jenħtieġ li jkun possibbli li dawn jiġu ttraċċati lura saż-żona ġeografika fejn ikun inħasad iż-żebbuġ u sal-mitħna fejn ikunu ġie mišħuq. Għaż-żjut taż-żebbuġ ta' oriġini mhux mill-UE, jenħtieġ li jkun possibbli li dawn jiġu ttraċċati lura sal-pajjiż ta' oriġini tagħhom. Biex jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit, l-operaturi speċifiċi jeħtiġilhom iżommu dokumenti u rekords li jagħmluha possibbli li tiġi identifikata l-oriġini taż-żejt taż-żebbuġa u jiċċekkjaw jekk dan jikkorrispondix mal-informazzjoni fuq it-tikketta.
- 71** Id-data tal-ħsad taż-żejt taż-żebbuġa hija indikatur tal-freskezza u tal-kwalità, u tirreferi għad-data meta nħasad iż-żebbuġ. Ir-regoli tal-UE jiddikjaraw li t-tikketta taż-żejt taż-żebbuġa ekstra verġni u dik taż-żejt taż-żebbuġa verġni jistgħu jinkludu s-sena tal-ħsad biss jekk 100 % tal-kontenut jiġi minn dak l-istess ħsad. Jenħtieġ li jkun possibbli li tiġi vverifikata l-preċiżjoni ta' asserzjonijiet ta' dan it-tip dwar it-tikkettar permezz tar-rekords tat-traċċabbiltà.
- 72** L-aspetti tat-traċċabbiltà jridu jiġu ċċekkjati bħala parti mill-kontrolli uffiċjali fuq is-sikurezza alimentari u matul il-verifiki tal-konformità fuq iż-żejt taż-żebbuġa. Fir-rappurtar annwali tagħhom lill-Kummissjoni dwar ir-riżultati tal-verifiki tal-konformità, l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkomunikaw dwar jekk il-mod kif tintwera l-oriġini fuq it-tikketta jikkonformax mar-rekwiżiti tal-UE. L-Istati Membri mhumiex meħtieġa jirrapportaw b'mod espliċitu dwar ir-riżultati tal-verifiki tat-traċċabbiltà.
- 73** Il-leġiżlazzjoni tal-UE ma tispeċifikax kif jew meta għandhom jiġu ċċekkjati l-aspetti tat-traċċabbiltà (eż. il-post tal-oriġini, il-bilanċ tal-massa). Il-Kummissjoni ma ħarġet l-ebda gwida lanqas. Sibna li tvarja l-interpretazzjoni tar-rekwiżiti ta' traċċabbiltà, min-naħa tal-Istati Membri. B'riżultat ta' dan, xi Stati Membri żviluppaw il-metodoloġiji tagħhom stess u jieħdu approċċi differenti biex jiċċekkjaw it-traċċabbiltà (ara l-paragrafi **75 - 80** u l-**Kaxxa 7**).
- 74** Mill-erba' Stati Membri li żorna, tnejn jadottaw ir-regoli tagħhom stess biex jimplementaw ir-rekwiżiti ta' traċċabbiltà tal-UE, pereżempju:
- reġistrazzjoni obbligatorja fir-reġistru elettroniku nazzjonali li tirreġistra kull moviment taż-żejt taż-żebbuġa (Spanja u l-Italja);
 - indikazzjoni obbligatorja tas-sena tal-ħsad għaż-żejt taż-żebbuġa prodott u mibjugħ fl-Italja (ara wkoll il-**Kaxxa 2**);
 - indikazzjoni obbligatorja tal-oriġini għaż-żejt taż-żebbuġa bl-ingrossa miżmum fi mħażen li għadu ma ġiex ikkategorizzat (l-Italja).

L-Istati Membri jinkludu t-traċċabbiltà fl-ambitu tal-verifiki tagħhom fuq iż-żejt taż-żebuga, iżda jvarja l-livell ta' verifikazzjoni tagħhom

- 75** L-Istati Membri li żorna ġeneralment jinkludu t-traċċabbiltà fl-ambitu tal-**verifiki tas-sikurezza alimentari** li jwettqu fuq l-operaturi taż-żejt taż-żebuga. L-erbgħa li huma jiċċekkjaw jekk l-operatur għandux sistemi/reġistri ta' traċċabbiltà fis-seħħ. Tliet Stati Membri jiċċekkjaw sistematikament it-traċċabbiltà matul il-verifiki tas-sikurezza alimentari, filwaqt li fl-Italja din titħalla għad-diskrezzjoni tal-ispettur.
- 76** Sibna li l-Istati Membri għandhom approċċi differenti meta jwettqu verifiki tat-traċċabbiltà.
- L-awtoritajiet Griegi jwettqu verifiki konġunti tas-sikurezza u tal-konformità alimentari, li matulhom il-verifika tat-traċċabbiltà hija limitata għall-verifikazzjoni tal-fornitur tal-ewwel livell (“pass lura”).
 - L-Italja ssegwi l-approċċ “pass lura, pass ’il quddiem” meħtieġ, matul il-verifiki tas-sikurezza alimentari dwar it-traċċabbiltà. L-ispezzjonijiet jiffukaw fuq il-prodotti li jkunu heġġin, filwaqt li jiċċekkjaw l-orijini taż-żejt taż-żebuga indikata fuq it-tikketta bi tqabbil mad-dokumentazzjoni disponibbli fil-bini tal-operatur.
 - Fi Spanja u fil-Belġju, il-verifiki tat-traċċabbiltà tas-sikurezza alimentari jmorru lil hinn minn dak li huwa meħtieġ mid-dritt tal-UE. Jiċċekkjaw jekk il-prodotti jistgħux jiġu ttraċċati tul il-katina tal-provvista u jeżaminaw ir-rekords tat-traċċabbiltà kemm tal-prodotti deħlin kif ukoll ta' dawk heġġin.
- 77** Matul il-**verifiki tal-konformità** fuq l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, għaż-żejt taż-żebuga ekstra verġni u ż-żejt taż-żebuga verġni, il-post tal-orijini huwa r-rekwiżit prinċipali li jrid jiġi vverifikat (ara l-paragrafu **70**). Biex jikkonformaw ma' dan ir-rekwiżit, l-operaturi taż-żejt taż-żebuga li isimhom ikun indikat fuq it-tikketta jeħtieġ li jkunu jistgħu jittraċċaw il-prodott lura sal-orijini indikata fuq it-tikketta. Sibna li tnejn mill-erba' Stati Membri li żorna ma jiċċekkjawx sistematikament jekk l-orijini msemmija fuq it-tikketta hijjex korretta.

78 Fi Spanja u fl-Italja, il-verifikazzjoni tal-oriġini taż-żejt taż-żebbuġa hija wieħed mill-komponenti prinċipali tal-verifiki tal-konformità fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista. L-operaturi fiż-żewġ Stati Membri huma meħtieġa li jkollhom sistemi u proċeduri ta' traċċabbiltà fis-seħħ u jeħtiġilhom jirreġistraw kull moviment taż-żejt taż-żebbuġa (u f'xi reġjuni, anke ż-żebbuġ) f'reġistru elettroniku (ara l-**Kaxxa 7**), li jiġi vverifikat matul l-ispezzjonijiet. Dan imur lil hinn mir-rekwiżiti tal-UE. Ir-reġistri għandhom l-għan li jżidu t-trasparenza u li jnaqqsu r-riskju ta' frodi. Permezz tagħhom l-awtoritajiet jistgħu jwettqu verifiki tat-traċċabbiltà bir-reqqa meta jispezzjonaw lill-operaturi, u jistgħu jittraċċaw il-prodotti lura sal-bdiewa taż-żebbuġ u r-roqgħa art fejn tkabbar iż-żebbuġ.

Kaxxa 7

Reġistri taż-żejt taż-żebbuġa fi Spanja u fl-Italja

L-Italja u Spanja għandhom reġistri nazzjonali fejn l-operaturi kollha huma meħtieġa jirreġistraw kull moviment intern (fi ħdan l-istess stabbiliment) u estern (trasportat) taż-żejt taż-żebbuġa.

Fi Spanja, il-movimenti interni jridu jiġu rreġistrati **f'ħin reali** u l-movimenti esterni jridu jiġu rreġistrati **bil-quddiem** (is-sistema tiġġenera d-dokument tat-trasport li jakkumpanja liż-żejt). Fl-Italja, l-operaturi jeħtiġilhom jirreġistraw kull moviment **fi żmien 6 ijiem** mit-trasferiment. Fi Spanja, l-importazzjonijiet taż-żejt taż-żebbuġa minn pajjiżi tal-UE u minn pajjiżi mhux tal-UE jridu jiġu rreġistrati mill-konsenjatarju finali **qabel** ma ż-żejt jidħol fit-territorju nazzjonali, filwaqt li fl-Italja dan isir biss **wara** li ż-żejt ikun inħatt għall-ewwel darba fuq il-ħamrija Taljana minn operatur.


79 Fil-Greċja u fil-Belġju, il-verifiki tal-post tal-oriġini huma inqas eżawrjenti. Fil-Greċja, il-post tal-oriġini tal-**prodotti b'indikazzjonijiet ġeografiċi**, jew tal-prodotti organiċi, jiġi ċċekkjat u ttraċċat lura sal-bidwi taż-żebbuġ. Għaż-żejt taż-żebbuġa extra verġni u ż-żejt taż-żebbuġa verġni, il-verifiki tat-traċċabbiltà jsegwu l-approċċ ta' "pass lura" (ara l-paragrafu **76**). Il-verifiki fil-livell tal-bejgħ bl-imnut ma jinkludux verifika tal-preċiżjoni tal-post tal-oriġini. Fiż-żmien meta sar l-awditu, il-Greċja ddikjarat li kienet qed taħdem fuq sistema diġitali għad-dikjarazzjoni obbligatorja tad-*data* dwar iż-żebbuġ u ż-żejt taż-żebbuġa (bħal: *data* dwar il-ħsad, produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa, ipproċessar, kummerċ u stokk). L-awtoritajiet fil-Belġju ma jiċċekkjawx il-preċiżjoni tal-post tal-oriġini indikat fuq it-tikketta.

80 Element importanti tal-verifika tat-traċċabbiltà huwa eżerċizzju tal-bilanċ tal-massa, li jħares lejn il-korrelazzjoni bejn il-merkanzija dieħla u dik ħierġa, kif ukoll lejn l-istokk fuq il-post. L-eżerċizzju tal-bilanċ tal-massa jgħin fil-prevenzjoni tal-frodi u fil-garanzija tal-kwalità. Sibna li, mill-erba' Stati Membri li żorna, Spanja u l-Italja biss sistematikament iwettqu eżerċizzji tal-bilanċ tal-massa għaż-żejt taż-żebbuġa matul il-verifiki tal-konformità tagħhom.

Ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' traċċabbiltà rigward l-istudju tal-każ: xi żjut taż-żebbuġa ma setgħux jiġu ttraċċati lura

- 81** Tlabna lill-awtoritajiet kompetenti tal-4 Stati Membri li żorna biex iwettqu eżerċizzju ta' traċċabbiltà għat-28 żejt taż-żebbuġa differenti mixtrija għall-istudju tal-każ (ara l-*Anness III*) u biex jipprovdu lna rekords tat-traċċabbiltà, li jkunu jippermettulna nittraċċaw kull żejt taż-żebbuġa fl-istadji tal-produzzjoni kollha (faċilità tal-ibbottiljar, mitħna, bidwi taż-żebbuġ).
- 82** Il-kampjun tagħna kien jinkludi 24 żejt taż-żebbuġa extra verġni jew verġni u 4 iżjut taż-żebbuġa raffinati. Skont l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni tal-UE għaż-żejt taż-żebbuġa, il-post tal-orijini fuq it-tikketta taż-żejt taż-żebbuġa extra verġni u fuq dik taż-żejt taż-żebbuġa verġni jrid jikkorrispondi għaż-żona ġeografika fejn iż-żebbuġ ikun inħasad u ġie ppressat (ara l-paragrafu **70**).
- 83** Għall-24 żejt taż-żebbuġa li kienu meħtieġa jsemmu l-post tal-orijini, ir-riżultati tal-eżerċizzju ta' traċċabbiltà huma kif ġej (ara wkoll il-*Figura 9*):
- is-16-il żejt taż-żebbuġa kollha prodotti fi Stat Membru waħdieni setgħu jiġu ttraċċati lura saż-żona ġeografika fejn iż-żebbuġ kien inħasad u ġie ppressat kif meħtieġ mir-Regolament — 4 għall-imtieħen u 12 saħansitra aktar lura għall-bdiewa;
 - 2 mill-4 iżjut taż-żebbuġa li jorijinaw mill-UE (minn diversi Stati Membri), ma setgħux jiġu ttraċċati lura saż-żona ġeografika fejn iż-żebbuġ kien inħasad u ġie ppressat;
 - 2 mill-4 iżjut taż-żebbuġa b'orijini mħallta mill-UE u mhux mill-UE ma kinux jikkonformaw mar-rekwiżiti tat-traċċabbiltà, 1 fir-rigward tal-porzjon mhux tal-UE tiegħu u l-ieħor fir-rigward tal-porzjonijiet tiegħu kemm tal-UE kif ukoll mhux tal-UE.

Figura 9 | Riżultati tal-eżerċizzju ta' traċċabbiltà, skont l-orijini taż-żejt taż-żebbuġa, għall-24 żejt taż-żebbuġa differenti li jirrikjedu tikkettar tal-post tal-orijini




Sors: il-QEA, abbażi tar-riżultati tal-istudju tal-każ.

84 Ir-riżultati ta' dan l-eżerċizzju jżvelaw nuqqasijiet fit-traċċabbiltà taż-żejt taż-żebbuġa fl-UE. Fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, ma stajniex nikkonfermaw il-post tal-oriġini fuq it-tikketta ta' 4 mill-24 żejt taż-żebbuġa li kienu meħtieġa jsemmuh. Barra minn hekk, mill-perspettiva tar-rekwiżiti tat-traċċabbiltà tas-sikurezza alimentari (ara l-paragrafu 69), nofs iż-żjut biss setgħu jiġu ttraċċati bis-sħiħ lura sal-livell tal-azjenda agrikola, bl-użu tal-approċċ "pass lura", u mhux dejjem kienet effettiva l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fir-rigward taż-żejt taż-żebbuġa li joriġina minn aktar minn Stat Membru wieħed tal-UE. Dan għaliex ma setgħu jitraċċaw bis-sħiħ l-ebda wieħed miż-żjut taż-żebbuġa lura sal-livell tal-azjenda agrikola lil hinn mill-fruntieri nazzjonali tagħhom.

Dan ir-Rapport ġie adottat mill-Awla I, immexxija mis-Sa Joëlle Elvinger, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tat-12 ta' Novembru 2025.

Għall-Qorti Ewropea tal-Awdituri



Tony Murphy
Il-President

Annessi

Anness I — Dwar l-awditu

- 01** L-UE hija l-produttur u l-konsumatur ewlieni taż-żejt taż-żebbuġa fid-dinja (61 % u 45 % tat-total dinji rispettivament)¹, kif ukoll l-esportatur ewlieni tagħha (65 %²). Iż-żejt taż-żebbuġa jiġi prodott f'disa' Stati Membri tal-UE: Spanja, l-Italja, il-Greċja, il-Portugall, Franza, is-Slovenja, il-Kroazja, Ċipru u Malta. Il-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa tal-UE hija kkonċentrata l-aktar f'erba' Stati Membri biss, li jirrappreżentaw 99 % tat-total: Spanja (60 %), l-Italja (17 %), il-Greċja (14 %) u l-Portugall (8 %). Fl-2022/2023, madwar 4.7 miljun ettaru kienu ddedikati għall-kultivazzjoni tas-siġar taż-żebbuġ għaż-żejt³. Iż-żejt taż-żebbuġa tal-UE huwa prodott ta' valur għoli għas-suq estern. Fis-sena tas-suq 2023/2024, l-UE kellha bilanċ kummerċjali pożittiv taż-żejt taż-żebbuġa ta' madwar EUR 4.4 biljun⁴.
- 02** Il-leġiżlazzjoni tal-UE⁵ tiddefinixxi tmien kategoriji differenti ta' żejt taż-żebbuġa (ara l-**Figura 1**), li erbgħa minnhom jistgħu jinbiegħu lill-konsumaturi. Il-kategoriji huma bbażati fuq il-mod kif jinkiseb iż-żejt u fuq xi wħud mill-karatteristiċi tiegħu, bħall-aċidità. Żjut taż-żebbuġa verġni jinkisbu direttament miż-żebbuġ, unikament b'mezzi mekkaniċi jew b'mezzi fiżiċi oħra. Iż-żejt taż-żebbuġa raffinat jgħaddi minn diversi proċessi fiżiċi jew kimiċi li jibdlu ċerti karatteristiċi (normalment it-togħma, ir-riħa u l-lewn). Iż-żejt mir-residwi taż-żebbuġ jiġi estratt mill-polpa taż-żebbuġ wara l-ewwel ippressar, bl-użu ta' solventi.

¹ Il-Kummissjoni Ewropea, “[Dashboard: olive oil](#)”, medja tas-snin tal-ħsad 2019/2020 sa 2023/2024.

² Il-Kummissjoni Ewropea, “[Olive oil – An overview of the production and marketing of olive oil in the EU](#)”.

³ Il-Kummissjoni Ewropea, “[Olive oil short-term outlook](#)”.

⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, “[Dashboard: olive oil](#)”.

⁵ L-Anness I, il-Parti VII tar-[Regolament \(UE\) Nru 1308/2013](#).

Figura 1 | Kategoriji ta' żejt taż-żebbuġa



Sors: il-QEA, abbażi tal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-iskeda informattiva tal-Kummissjoni Ewropea dwar iż-żejt taż-żebbuġa, immaġni ispirata mill-proġett OLEUM.

03 L-UE tesporta l-ekwivalenti ta' madwar 38 % tal-produzzjoni annwali tagħha ta' żejt taż-żebuga u timporta madwar 9 %⁶, aktar minn nofs dik li tiġi esportata mill-ġdid. L-importaturi u l-esportaturi prinċipali huma Spanja (57 % tal-importazzjonijiet tal-UE u 56 % tal-esportazzjonijiet tal-UE) u l-Italja (33 % tal-importazzjonijiet u 29 % tal-esportazzjonijiet)⁷. It-Tuneżija hija l-esportatur prinċipali lejn l-UE (75 % tal-volum importat bejn is-snin tal-ħsad 2019/2020 u 2023/2024), segwita mit-Turkija (7.8 %), mill-Arġentina (3.9 %) u mill-Marokk (3.5 %)⁸. L-aktar żejt taż-żebuga li l-UE timporta huwa dak ekstra verġni, u warajh iż-żejt taż-żebuga verġni lampante. L-Istati Uniti hija l-importatur prinċipali taż-żejt taż-żebuga tal-UE⁹.

Qafas ta' politika

04 Iż-żejt taż-żebuga huwa rregolat bil-kbir. Biex tiggarrantixxi livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur, l-UE stabbiliet sistema ta' kontrolli biex tara li ż-żejt taż-żebuga li l-konsumaturi jistgħu jixtru fl-UE żgur ikun ġenwin u sikur, u li l-orijini tiegħu tkun traċċabbli. Iż-żejt taż-żebuga ġenwin ma jkun tħallat ma' xejn għajr iż-żejt taż-żebuga u għandu l-kwalità u l-purità tal-kategorija li taħtha jinbiegħ.

05 Iż-żejt taż-żebuga huwa kopert minn leġislazzjoni speċifika li timponi rekwiżiti dwar il-kummerċjalizzazzjoni u t-traċċabbiltà:

- ir-Regolament (UE) Nru 1308/2013 li jiddefinixxi l-kategoriji differenti ta' żejt taż-żebuga;
- ir-Regolament (UE) 2022/2104 fir-rigward tal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, li jstabbilixxi rekwiżiti speċifiċi dwar it-tikkettar, l-imballaġġ u t-traċċabbiltà;
- ir-Regolament (UE) 2022/2105 dwar il-kontrolli (verifiki) tal-konformità, li jiddefinixxi kif dawk l-istandards jenħtieġ li jiġu rispettati mill-Istati Membri.

⁶ Il-Kummissjoni Ewropea, “*Bażi ta' data Comext*”, medja tas-snin tal-ħsad 2019/2020 sa 2023/2024.

⁷ Il-Kummissjoni Ewropea, “*Olive oil and table olives trade*”, medja tas-snin tal-ħsad 2019/2020 sa 2023/2024.

⁸ Il-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ, “*Import figures of olive oil in the extra-EU(27)*”.

⁹ Il-Kummissjoni Ewropea, “*Olive oil and table olives trade*”.

06 Iż-żejt taż-żebbuġa huwa wkoll suġġett għar-rekwiżiti tas-sikurezza tal-ikel tal-UE¹⁰ u għalhekk jaqá' fi ħdan l-ambitu tal-qafas armonizzat tal-UE għall-kontrolli uffiċjali fuq l-ikel¹¹. Biex jiġihalla jidħol fis-suq Ewropew, iż-żejt taż-żebbuġa importat irid jikkonforma mar-regoli tal-UE dwar is-sikurezza alimentari u l-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni għaż-żejt taż-żebbuġa. L-importazzjonijiet taż-żejt taż-żebbuġa bbottiljat iridu jsegwu wkoll ir-regoli applikabbli dwar it-tikkettar u l-imballaġġ¹². L-importazzjonijiet iridu jgħaddu minn verifiki tal-konformità u kontrolli uffiċjali bbażati fuq ir-riskju, jew fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera, jew fi stadji aktar tard (bħall-ħżin, l-ipproċessar, l-ibbottiljar jew il-bejgħ bl-imnut).

Rwoli u responsabbiltajiet


07 Ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri fir-rigward tas-sistemi ta' kontroll għaż-żejt taż-żebbuġa huma spjegati fil-**Figura 2**. Id-Direttorat Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali (DG AGRI) huwa responsabbli mill-aspetti relatati mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, filwaqt li d-Direttorat Ġenerali għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (DG SANTE) huwa responsabbli minn dawk relatati mas-sikurezza alimentari.

¹⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 178/2002.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2017/625.

¹² Ir-Regolament (UE) Nru 1169/2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi.

Figura 2 | Rwoli u responsabbiltajiet relatati mas-sistemi ta' kontroll għaż-żejt taż-żebuga fl-UE



Sors: il-QEA.

08 Ir-Regolament (UE) 2022/2104 jagħti lill-Istati Membri xi flessibilità biex jistabbilixxu standards speċifiċi, bħal jekk għandhomx jipprojbixxu t-taħlit taż-żejt taż-żebuga ma' żjut veġetali oħra, jekk għandhom jippermettu daqsijiet tal-imballaġġ li jaqbżu l-limiti stabbiliti mir-Regolament, jew jekk għandhomx jistabbilixxu regoli rigward l-indikazzjoni tas-sena tal-ħsad. Il-Kummissjoni timmonitorja kif dawn ir-regoli nazzjonali jiġu implimentati. Barra minn hekk, xi Stati Membri, bħal Spanja u l-Italja, stabbilew ir-regoli nazzjonali tagħhom stess (eż. għat-traċċabbiltà) li jmorru lil hinn mir-rekwiżiti tal-UE.

Ambitu u approċċ tal-awditjar

- 09** Eżaminajna s-sistemi ta' kontroll stabbiliti mill-Istati Membri u mill-Kummissjoni biex naraw li ż-żejt taż-żebbuġa mibjugħ fl-UE żgur ikun ġenwin (fir-rigward tal-kategoriji ta' żejt taż-żebbuġa), sikur biex jiġi kkunsmat, u jista' jiġi ttraċċat lura sal-orijini tiegħu. Ivalutajna jekk l-Istati Membri għandhomx sistema effettiva ta' verifiki u penali rigward il-konformità taż-żejt taż-żebbuġa mal-istandards tal-kummerċjalizzazzjoni, u fir-rigward tal-kontaminanti u t-traċċabbiltà. Ivalutajna wkoll jekk il-Kummissjoni tissorveljax is-sistemi ta' kontroll tal-Istati Membri u jekk tipprovdi appoġġ. L-awditu ma kopriex ir-rekwiżiti tat-tikkettar kollha għaż-żejt taż-żebbuġa, bħall-valur nutrittiv, u lanqas ir-rekwiżiti speċifiċi tat-traċċabbiltà għaż-żejt taż-żebbuġa organiku.
- 10** L-awditu li wettaqna kopra l-perjodu mill-2018 sal-2023. Madankollu, meta kien possibbli, użajna l-informazzjoni l-aktar reċenti li kienet disponibbli. Iltqajna mal-Kummissjoni (id-DĠ SANTE, id-DĠ AGRI) u intervistajna lill-awtoritajiet rilevanti fil-Belġju, fil-Greċja, fi Spanja u fl-Italja. Għażilna dawn l-Istati Membri minħabba li l-Greċja, Spanja u l-Italja huma responsabbli minn madwar 91 % tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġa tal-UE. Fost il-pajjiżi mhux produttori, il-Belġju huwa l-akbar esportatur taż-żejt taż-żebbuġa tal-UE u l-akbar importatur taż-żejt taż-żebbuġa barra mit-territorju tal-UE¹³. Ksibna evidenza minn sorsi differenti, kif ippreżentati fil-*Figura 3*.

Figura 3 | Xogħol imwettaq



Reviżjoni tad-dokumenti dwar ir-regolamenti tal-UE, il-linji gwida u r-rapporti tal-Kummissjoni, ir-rapporti tal-awditjar, id-dokumenti tal-esperti u tal-kumitati, u n-notifiki ta' nuqqas ta' konformità fil-bażi ta' data tal-Kummissjoni



Intervisti mar-rappreżentanti tal-Kummissjoni u l-awtoritajiet tal-Istati Membri



Reviżjoni tad-dokumenti dwar ir-regoli nazzjonali/reġjonali, il-pjanijiet ta' kontroll u r-rapporti mingħand l-Istati Membri miżjura



Osservazzjoni ta' verifiki fuq l-operaturi taż-żejt taż-żebbuġa, imwettaq mill-awtoritajiet kompetenti fl-Istati Membri miżjura

Sors: il-QEA.

¹³ Il-Kummissjoni Ewropea, "Olive oil and table olives trade".

11 Barra minn hekk, wettaqna studju tal-każ biex niksbu evidenza addizzjonali u diretta tal-konformità mal-istandards miż-żejt taż-żebuga mibjugħ lill-konsumaturi. Xtrajna 28 żejt taż-żebuga differenti — 7 f’kull wieħed mill-Istati Membri li żorna matul l-awditu — u kellna test tal-laboratorju indipendenti għall-karatteristiċi kollha stabbiliti fir-[Regolament \(UE\) 2022/2104](#) (ara l-[Anness III](#)). Tlabna wkoll lill-awtoritajiet kompetenti jipprovdu lna r-rekords tat-traċċabbiltà ta’ dawn iż-żjut taż-żebuga, biex niċċekkjaw jekk iż-żejt taż-żebuga setax jiġi ttraċċat sal-oriġini tiegħu.

Anness II — Farsa ġenerali lejn il-parametri rilevanti tal-kwalità u tal-purità għaż-żejt taż-żebbuġa ekstra verġni u l-metodi ta' analiżi

It-tabella ta' hawn taħt telenka l-parametri fl-ordni li jenftieg li jiġu ttestjati (jekk din l-ordni ma tiġix segwita, il-parametri kollha jridu jiġu ttestjati). Malli wieħed mir-riżultati juri li ż-żejt ma jaqbilx mal-kategorija ddikjarata, l-ittestjar jista' jieqaf.

Le	Parametru	Tip tal-parametru	Raġunijiet għall-ittestjar ta' dan il-parametru	Metodu tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ
1	Aċidità (%)	Kwalità	Huwa indikatur tal-kwalità taż-żebbuġ: meta ż-żebbuġ jitħassar, ikun sar wisq, jew ma jiġix ipproċessat fil-pront wara l-ħsad, l-aċidità tiżdied	COI/T.20/Doc. Nru 34 (Determinazzjoni tal-aċidi xaħmin liberi, metodu fil-kiesaħ)
2	Valur tal-perossidi(O ₂ meq/kg)	Kwalità	Jindika l-grad ta' ossidazzjoni (stat ta' preservazzjoni taż-żejt)	COI/T.20/Doc. Nru 35 (Determinazzjoni tal-valur tal-perossidu)
3	Spettrometrija tar-radjazzjoni ultravjola (K268 jew K270)	Kwalità	Jiddeterminaw il-grad ta' degradazzjoni: itwal ma jkun iż-żmien ta' ħżin ta' żejt taż-żebbuġa, oġhla jkun l-assorbiment tar-radjazzjoni ultravjola u aktar tkun baxxa l-kwalità	COI/T.20/Doc. Nru 19 (Investigazzjoni spettrofotometrika fl-ultravjola)
4	Spettrometrija tar-radjazzjoni ultravjola (ΔK)	Kwalità		
5	Spettrometrija tar-radjazzjoni ultravjola (K232)	Kwalità		
6	Valutazzjoni organolettika	Kwalità	Din tippermetti li jinqabdu ċerti attributi negattivi u li titkejjel l-intensità tal-attributi pożittivi (togħma ta' frott, morr u punġenti)	COI/T.20/Doc. Nru 15 (Analiżi sensorjali taż-żejt taż-żebbuġa — Metodu għall-valutazzjoni organolettika taż-żejt taż-żebbuġa verġni) — minbarra l-punti 4.4 u 10.4

Le	Parametru	Tip tal-parametru	Raġunijiet għall-ittestjar ta' dan il-parametru	Metodu tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ
7	Esteri etiliċi tal-aċidi xaħmin (mg/kg)	Kwalità	Huwa indikatur tal-fermentazzjoni taż-żebbuġ qabel l-estrazzjoni ta' żejt	COI/T.20/Doc. Nru 33 (Determinazzjoni tal-esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża)
8	Stigmastadini (mg/kg)	Purità	Dan jintuża għad-detezzjoni ta' jekk iż-żejt taż-żebbuġa ġiex raffinat	COI/T.20/Doc. Nru 11 (Determinazzjoni tal-istigmastadienes fiż-żjut veġetali)
9	Isomeri trans tal-aċidi xaħmin (%)	Purità	Jintuża għad-detezzjoni ta' jekk iż-żejt taż-żebbuġa ġiex raffinat jew jekk tħallatx ma' żjut oħra li jkunu għaddew minn raffinar jew idroġenazzjoni	COI/T.20/Doc. Nru 33 (Determinazzjoni tal-esteri metiliċi tal-aċidi xaħmin permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża)
10	Kompożizzjoni tal-aċidu grass	Purità	Dan jintuża biex jiġi ddeterminat jekk ikunx inżdied żejt li mhuiex żejt taż-żebbuġa	
11	ΔECN42	Purità	Dan jintuża biex jiġi vverifikat jekk inżdiedx żejt taż-żerriegħa	COI/T.20/Doc. Nru 20 (Determinazzjoni tad-differenza bejn il-kontenut attwali u teoretiku tat-triacigliceroli mal-ECN 42)
12	Kompożizzjoni tal-isteroli u l-kontenut totali ta' steroli	Purità	Jintuża biex jindika żjut li fihom żjut barranin (jiġifieri mhux miż-żebbuġ)	


Le	Parametru	Tip tal-parametru	Raġunijiet għall-ittestjar ta' dan il-parametru	Metodu tal-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ
13	Eritrodijol u uvaol (%)	Purità	Dan jiddetermina jekk intużawx residwi taż-żebbuġ	COI/T.20/Doc. Nru 26 (Determinazzjoni tal-kompożizzjoni u l-kontenut ta' steroli, dialkoħol triterpeniku u alkoħol alifatiku permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża f'kolonna kapillari)
14	Xama' (**)(mg/kg) C42 + C44 + C46	Purità	Dan jiddetermina jekk intużawx residwi taż-żebbuġ	COI/T.20/Doc. Nru 28 (Determinazzjoni tal-kontenut ta' xama' u esteri etiliċi tal-aċidi xaħmin permezz tal-kromatografija b'fażi gassuża f'kolonna kapillari)
15	2-gliċeril monopalmitat (%)	Purità	Dan ikejjel l-adulterazzjoni ma' tipi oħra ta' żejt, bħaż-żejt tal-palm jew żjut veġetali oħra, jew jindika l-grad tal-ipproċessar taż-żejt (raffinar jew temperaturi għoljin)	COI/T.20/Doc. Nru 23 (Determinazzjoni tal-perċentwal ta' 2-gliċeril monopalmitat)

Sors: il-QEA, abbażi tal-Annessi I u III tar-Regolament (UE) 2022/2105, u preżentazzjonijiet mingħand l-Istati Membri fil-laqgħat tal-Grupp ta' Ħidma dwar iż-Żejt taż-Żebbuġa.

Anness III — Studju tal-każ

F'kull Stat Membru li żorna, xtrajna sebat iżjut taż-żebbuġa differenti f'żewġ ħwienet tal-bejgħ bl-imnut u bgħattniehom ħalli jiġu analizzati fil-laboratorju u permezz ta' valutazzjoni organolettika biex il-karatteristiċi tagħhom jiġu determinati. Għażilna żjut taż-żebbuġa minn diversi kategoriji u oriġini (jekk kienu disponibbli), inklużi kemm prodotti tad-ditta kif ukoll prodotti bit-tikketta proprja tagħhom, ilkoll mill-istess sena tal-ħsad (2023/2024) (ara l-[Figura 1](#)). Għalhekk, l-għażla ma kinitx ibbażata fuq analiżi tar-riskju iżda evitajna fliexken li kienu esposti għal kundizzjonijiet li għandhom mnejn jiddegradaw il-kwalità, bħas-sħana u d-dawl. Ittrasportajna l-fliexken permezz ta' trasportatur bit-temperatura kkontrollata lejn laboratorju f'wieħed mill-Istati Membri tal-UE li ma kienx involut fl-awditu. Il-laboratorju, rikonoxxut mill-Kunsill Internazzjonali taż-Żebbuġ, wettaq l-analiżijiet fiżikokimiċi u l-valutazzjonijiet organolettiki biex jiddetermina l-karatteristiċi taż-żjut taż-żebbuġa.

Figura 1 | Studju tal-każ — karatteristiċi taż-żjut taż-żebbuġa mixtrija



Sors: il-QEA.

Anness IV — Sorsi potenzjali ta' kontaminazzjoni fiż-żejt taż-żebuga

Kontaminant	Sors potenzjali ta' kontaminazzjoni
Residwi tal-pestiċidi	Pestiċidi użati minn kultivaturi taż-żebuga bħala prevenzjoni jew kontroll tal-mard (bħal fungi jew batterji) jew biex jgħinu fl-immaniġġjar ta' insetti u pesti oħra li jistgħu jagħmlu ħsara lis-siġar taż-żebuga u jnaqqsu r-rendimenti (eż. id-dubbiena tal-frott taż-żebuga jew il-kamla taż-żebuga)
Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi	Kontaminazzjoni tal-ġilda taż-żebuga minn fatturi ambjentali (trab u partiċelli mid-duħħan u mit-tniġġis tal-arja) Kontaminazzjoni taż-żejt taż-żebuga mid-dħaħen tal-kombustjoni matul il-proċess ta' estrazzjoni
Metalli tqal (ċomb, kadmju, merkurju)	Ħamrija u arja li tniġġsu b'metalli tqal minħabba l-industrijalizzazzjoni Pestiċidi jew fertilizzanti
Diossini	L-użu ta' ċerti erbiċidi u pestiċidi jista' jwassal għall-formazzjoni tad-diossini Id-diossini huma prodotti sekondarji tal-kombustjoni, tal-inċinerazzjoni u ta' proċessi industrijali oħra
Bifenili poliklorurati (PCBs)	Il-PCBs kienu jintużaw ħafna fil-prodotti industrijali (eż. lubrikanti, żebgħat, kisi) sakemm ġew ipprojbti fil-biċċa l-kbira mill-pajjiżi fis-snin tmenin. Jippersistu ħafna fl-ambjent, għalhekk is-siġar taż-żebuga għandhom mnejn jassorbu dawn il-kontaminanti mill-ħamrija u mill-ilma
Esteri gliċidiliċi, esteru tat-2-monokloropropandiol (MCPD) u tat-3-MCPD	Dawn il-kontaminanti kkaġunati mis-sħana jitfaċċaw meta ż-żjut veġetali jkunu qed jiġu raffinati f'temperaturi għoljin
Idrokarburi taż-żjut minerali (MOSHs/MOAHs)	L-idrokarburi taż-żjut minerali jistgħu joriġinaw minn diversi sorsi, inklużi l-lubrikanti li jintużaw fil-makkinarju għall-ipproċessar tal-ikel, fil-materjali tal-imballaġġ, u fil-kontaminazzjoni ambjentali
Plastifikanti	Imballaġġ jew materjali oħra li jiġu f'kuntatt mal-ikel li magħhom inżiedu plastifikanti sabiex il-materjal isir aktar flessibbli, reżiljenti u eħfef biex jiġi mmaniġġjat
Mikotossini	Iż-żebuga mhux maħżun sew (eż. f'kundizzjonijiet sħan u umdi) jista' jiżviluppala l-moffa, li jaf tipproduċi mikotossini Il-mikotossini huma komposti tossiċi li ċerti tipi ta' fungi jipproduċu

Kontaminant	Sors potenzjali ta' kontaminazzjoni
Aċidu eruċiku	<p>L-aċidu eruċiku huwa preżenti b'mod naturali fiż-żejt tal-lift u fiż-żejt tal-mustarda u jitqies ta' ħsara meta jiġi kkunsmat f'ammonti kbar</p> <p>Jista' jispiċċa fiż-żejt taż-żebbuġa permezz ta' kontaminazzjoni inkroċjata (jekk iż-żejt taż-żebbuġa jiġi pproċessat jew maħżun f'faċilitajiet li jimmaniġġjaw ukoll żjut li jkollhom kontenut għoli ta' aċidu eruċiku) jew adulterazzjoni (taħlita ta' żejt li ma jkunx taż-żebbuġa)</p>

Sors: il-QEA, abbażi ta' rieżami tad-dokumentazzjoni.

Annex V — Kontaminanti li l-Istati Membri jinkludu fil-pjanijiet ta' kontroll tagħhom għall-kategorija “Xaħmijiet u żjut”

	Spanja	L-Italja	Il-Greċja	Il-Belġju
Idrokarburi aromatiċi poliċikliċi	X	X	X	X
Diossini u bifenili poliklorinati	X	X	X	X
Esteri gliċidiliċi, esteru tat-2-MCPD u tat-3-MCPD	X	X	X	
Aċidu eruċiku	X	X		
Metalli tqal (ċomb, kadmju, merkurju)	X	X		X
Mikotossini	X			

Sors: il-QEA, abbażi tal-pjanijiet tal-Istati Membri, għall-2018–2023, ta' teħid ta' kampjuni.

Abbrevjazzjonijiet

EFSA	Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel
MOAH	Idrokarburi aromatiċi taż-żjut minerali
MOH	Idrokarburi taż-żjut minerali
MOSH	Idrokarburi saturati taż-żjut minerali
MRL	Livell massimu ta' residwi

Glossarju

Analiżi fiżikokimika	Testijiet fil-laboratorju biex jiġu ddeterminati l-valuri għal sett ta' proprjetajiet fiżiċi u kimiċi taż-żejt taż-żebbuġa.
Valutazzjoni organolettika	Metodu uffiċjali ta' kif jinqabdu, jitkejlu, u jiġu deskritti l-karatteristiċi pożittivi u negattivi taż-żejt taż-żebbuġa bl-użu tas-sensi umani (togħma u xamm).
Verifika tal-konformità għaż-żejt taż-żebbuġ	Verifika biex tikkonferma li ż-żejt taż-żebbuġa jikkonforma mar-regoli tal-UE dwar il-kategorizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni.

Risposti tal-Kummissjoni

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2026-01>

Kronoloġija

<https://www.eca.europa.eu/mt/publications/sr-2026-01>

Tim tal-awditjar

Ir-rapporti speċjali tal-QEA jippreżentaw ir-riżultati tal-awditi li twettaq ta' politiki u programmi tal-UE, jew ta' suġġetti relatati mal-ġestjoni minn oqsma baġitarji speċifiċi. Il-QEA tagħżel u tfassal dawn il-kompiti tal-awditjar biex timmassimizza l-impatt tagħhom billi tqis ir-riskji għall-prestazzjoni jew għall-konformità, il-livell ta' introjtu jew ta' nfiq involut, l-iżviluppi li jkunu għad iridu jseħħu u l-interess politiku u pubbliku.

Dan l-awditu tal-prestazzjoni twettaq mill-Awla I tal-Awditjar — Użu sostenibbli tar-riżorsi naturali, li hija mmexxija minn Joëlle Elvinger, Membru tal-QEA. L-awditu tmexxa minn Joëlle Elvinger, li ngħatat appoġġ minn Ildikó Preiss, Kap tal-Kabinett u Paolo Pesce, Attaché tal-Kap tal-Kabinett; José Parente, Maniġer Prinċipali; Els Brems, Kap tal-Kompitu; Greta Kapustaitè, Deputat Kap tal-Kompitu; Vincenza Ferrucci u Stéphane Gilson, Awdituri. Kyriaki Kofini u Zoe Amador Martínez ipprovdew appoġġ lingwistiku. Alexandra Damir-Binzaru pprovdiet appoġġ fid-disinn grafiku.



Mix-xellug għal-lemin: Ildikó Preiss, Greta Kapustaitè, José Parente, Joëlle Elvinger, Paolo Pesce, Vincenza Ferrucci, Zoe Amador Martínez

DRITTIJJET TAL-AWTUR

© Unjoni Ewropea, 2026

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6–2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja tal-Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkanċella u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Ritratt tal-qoxra: © Tesal — stock.adobe.com

Il-Figuri 2, 3, il-Figura 2 fl-Anness I u l-Figura 1 fl-Anness III — l-ikoni tfasslu bl-użu ta' riżorsi minn [Flaticon.com](#). © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha riżervati.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinjri rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, dawn, inti m'ħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

HTML	ISBN 978-92-849-6078-1	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/6331388	QJ-01-25-058-MT-Q
PDF	ISBN 978-92-849-6079-8	ISSN 1977-5741	doi:10.2865/8885664	QJ-01-25-058-MT-N

KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-[Rapport Speċjali 01/2026](#): “Sistemi ta’ kontroll għaż-żejt taż-żebuga fl-UE — Qafas komprensiv, iżda applikat b’mod mhux uniformi”, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026.

L-UE hija l-akbar produttur, konsumatur u esportatur taż-żejt taż-żebbuġa fid-dinja. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri stabbilew sistemi ta' kontroll biex jaraw li ż-żejt taż-żebbuġa mibjugħ fl-UE żgur ikun ġenwin (jiġifieri jikkorrispondi għall-kategorija ta' żejt taż-żebbuġa ddikjarata), sikur biex jiġi kkunsmat, u jista' jiġi ttraċċat lura sal-oriġini tiegħu. Eżaminajna l-effettività tas-sistemi ta' kontroll, u jekk il-Kummissjoni tissorveljax dawn il-mekkaniżmi fl-Istati Membri u tipprovdix appoġġ. Sibna li hemm qafas legali komprensiv tal-UE għall-verifiki dwar iż-żejt taż-żebbuġa, iżda l-Istati Membri japplikawh b'mod mhux uniformi. Nirrakkommandaw li l-Kummissjoni ssaħħaħ is-sorveljanza tagħha, tiċċara u ttejjeb ċerti regoli u rekwiżiti, u tappoġġa lill-Istati Membri biex dawn itejbu t-traċċabbiltà taż-żejt taż-żebbuġa.

Rapport speċjali tal-QEA skont l-Artikolu 287(4), it-tieni subparagrafu, TFUE.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Media soċjali: @EUauditors